32002D2367

31.12.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 358/1

# ID-DEĊIŻJONI Nru 2367/2002/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-programm ta' l-istatistiċi fil-Komunità bejn l-2003 sa l-2007

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 285 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjunijiet,

Huma u jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika komunitarja ([4]), għandu jiġi stabbilit programm dwar l-istatistiċi fil-Komunità.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 jistabbilixxi l-prinċipji għall-produzzjoni ta' l-istatistiċi Komunitarji u japplika għal din id-deċiżjoni.

(3) L-Unjoni ekonomika u monetarja qed timponi domanda sostanzjali fuq il-provvista ta' monetarju, bilanċ ta' pagamenti u statistiċi finanzjarji għall-Komunità.

(4) Skond ir-Regolament (KE) Nru 322/97, il-Komunità għandu jkollha aċċess f'waqtu għall-informazzjoni ta' l-istatistika komparabbli bejn l-Istati Membri u din għandha tkun aġġornata, kredibbli, pertinenti u li tista' takkwistaha bl-aktar mod effiċjenti possibbli għall-kreazzjoni, applikazzjoni, monitoraġġ u stima tal-politika tagħha.

(5) Id-disponibbiltà ta' statistiċi aġġornati, komparabbli u ta' kwalità tajba hija ta' spiss kondizzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni tal-politika fil-Komunità.

(6) Biex wieħed jassigura l-konsistenza u l-komparabbilità ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika fil-Komunitá, hemm bżonn li jiġi stabbilit programm ta' l-istatistika fil-Komunità mifrux fuq ħames snin biex jidentifika l-approċċ, l-oqsma prinċipali u l-għanijiet ta' l-azzjonijiet fil-ħsieb ta' dawn il-prijoritajiet.

(7) Għal dan il-għan, l-awtoritajiet tal-Komunià għandhom jassiguraw li jkun hemm statistiċi komparabbli u ta' kwalità għolja.

(8) Il-metodu speċifiku biex tiġbor l-istatistiċi tal-Komunità jeħtieġ partikolarment koperazzjoni qawwija fi ħdan sistema ta' l-istatistika tal-Komunità li qed tiżviluppa permezz tal-Kumitat tal-Programm ta' l-istatistika, maħtur bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([5]), fejn jolqot l-adattamenti tas-sistema, notevolment permezz ta' l-introduzjoni ta' strumenti legali neċessarji sabiex tistabbilixxi l-imsemmija statistiċi tal-Komunità. Il-piż fuq dawk li jirrispondu, sew jekk huma mill-qasam tal-kummerċ, numru ta' residenti f'darhom jew individwali għandu jiġi kkunsidrat.

(9) Il-produzzjoni ta' l-istatistiċi tal-Komunità fi ħdan il-kwadru leġislattiv ta' dan il-programm ta' ħames snin jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' l'awtoritajiet nazzjonali fuq livell taċ-ċittadin u taħt l-awtorità tal-Komunità (l-Eurostat) fuq livell tal-Komunità.

(10) Hemm il-bżonn ta' koperazzjoni qawwija, kordinata u koerenti bejn l-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jintlaħaq dan il-għan.

(11) B'effett minn dan, l-Eurostat għandha tiggarantixxi l-kordinazzjoni taħt forom differenti ta' l-awtoritajiet nazzjonali f'*network* li jirrappreżenta s-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea (ESS) sabiex tassigura l-provvista ta' l-istatistiċi f'waqtu biex iservi ta' għajnuna għall-politika ta' l-Unjoni Ewropea.

(12) Miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' l-istatistika individwali jistgħu jiġu fdati lill-ESS mill-Kummissjoni, li għandha tiddeċiedi l-għanijiet u l-miżuri konċernati.

(13) B'żieda ma' dan, fl-implimentazzjoni ta' dan il-programm, skond ir-Regolament (KE) Nru 322/97, il-Kummissjoni hija nkarigata li tesegwixxi ċerti kompiti ta' implimentazzjoni jew eżekuzzjoni kif inhuma definiti fl-atti li jikkonċernaw azzjonijiet ta' l-istatistika individwali.

([1]) ĠU C 75 E, tas-26.3.2002, p. 274.
([2]) ĠU C 125, tas-27.5.2002, p. 17.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2002 (għadu ma ġiex ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2002 (ĠU C 275 E, tat-12.11.2002, p. 1) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Novembru 2002 (għadu ma ġiex ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1.
([5]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

(14) Tista' tingħata konsiderazzjoni jekk uħud minn dawn il-kompiti li bħalissa qed jinħadmu fuq livell ta' Kummissjoni jistgħux jiġu esegwiti minn struttura ta' implimentazzjoni speċjalizzata.

(15) F'ċerti żoni li jaqgħu taħt il-politika diversa tal-Komunità l-iskomposizzjoni tad-*data* permezz tas-sess hija importanti.

(16) Din id-Deċiżjoni tpoġġi, sakemm jiġi esegwit il-programm kollu, struttura finanzjarja li tikkostitwixxi r-referenza l-aktar importanti fi ħdan is-sinifikat tal-punt 33 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina fuq il-*budget* u titjib fil-proċeduri tal-*budget* ([1]), għall-awtorità tal-*budget* matul il-proċedura tal-*budget* ta' kull sena.

(17) Il-pariri biex jiġi stabbilit dan il-programm ingħataw skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 322/97 lill-Kumitat tal-Programmi ta' l-Istatistika, lill-Kumitat Ewropew tal-Pariri fuq Informazzjoni ta' l-Istatistika fl-Oqsma Ekonomiċi u Soċjali mwaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE ([2]) u lill-Kumitat ta' l-Istatistiċi Monetarji, Finanzjarji u Bilanċ ta' Pagamenti mwaqqaf mid-deċiżjoni tal-Kunsill 91/115/KEE ([3]),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**l-istabbiliment tal-programm ta' l-istatistika**

Il-programm ta' l-istatistika tal-Komunità għall-perjodu 2003 sa l-2007 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-programm) huwa hawnhekk stabbilit. Il-programm huwa inkluż fl-Annessi. L-Anness I jiddefinixxi l-approċċ, l-oqsma prinċipali u l-għanijiet ta' l-azzjonijiet previsti matul dak il-perjodu u jipprovdi wkoll ġabra fil-qosor ta' l-istatistiċi meħtieġa kif jidhru mill-perspettiva tal-ħtiġiet politiċi ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn il-ħtiġiet huma mkissra minn titoli tat-Trattat.

L-Anness II jipprovdi ġabra tat-temiet tax-xogħolijiet tal-Eurostat.

*Artikolu 2*

**Għanijiet u prijoritajiet politiċi**

Skond ir-riżorsi disponibbli ta' l-awtoritajiet nazzjonali u tal-Kummissjoni, dan il-programm se jkun immexxi mill-prijoritajiet prinċipali tal-politika fil-Komunità hekk kif ġejjin:

— l-unjoni ekonomika u monetarja,

— it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea,

— il-kompetizzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u l-aġenda soċjali.

Għandu jassigura wkoll il-kontinwazzjoni ta' l-appoġġ ta' l-istatistika eżistenti għall-deċiżjonijiet f'żoni tal-politika kurrenti u l-ħtiġiet l-oħra li jistgħu jinqalgħu mill-inizjattivi l-ġodda tal-politika fil-Komunità. Għandu jikkonsidra l-bżonn ta' reviżjoni kontinwa tal-prijoritajiet ta' l-istatistika u tal-ħtieġa ta' l-istatistiċi maħruġa, bil-ħsieb li tieħu l-aħjar li tista' mir-riżorsi disponibbli u tnaqqas il-piżijiet fuq dawk li qed jirrispondu.

Barra dan, il-Kummissjoni għandha tassigura statistiċi komparabbli u ta' kwalità għolja.

*Artikolu 3*

**Finanzi**

Il-qafas finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm għall-perjodu 2003 sa l-2007 huwa stabbilit hawnhekk għal EUR 192 500 000.

EUR 150 727 000 se jservu għall-perjodu 2003 sa l-2006.EUR 41 773 000 se jservu għall-2007. L-ammont ta' EUR 41 773 000 huwa maħsub li jiġi kkonfermat jekk huwa konsistenti mal-perspettiva finanzjarja b'seħħ għall-perjodu li jibda fl-2007.

L-approprjazzjonijiet annwali se jkunu awtorizzati mill-awtorità tal-*budget* fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

*Artikolu 4*

**Rapporti**

Matul it-tielet sena ta' l-implimentazzjoni tal-programm, il-Kummissjoni se tipprepara rapport intermedjarju li juri l-istadju ta' l-iżvilupp tiegħu u tippreżentah lill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika.

Fl-aħħar tal-perijodu ta' dan il-programm, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika, se tippreżenta rapport xieraq ta' evalwazzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-programm, u se tqis ukoll il-pariri ta' esperti indipendenti. Dak ir-rapport għandu jkun lest sa l-aħħar ta' l-2008 biex imbagħad jiġi mogħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([1]) ĠU C 172, tat-18.6.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 59, tas-6.3.1991, p. 21. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 97/255/KE (ĠU L 102, tad-19.4.1997, p. 32).
([3]) ĠU L 59, tas-6.3.1991, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 96/174/KE (ĠU L 51, ta' l-1.3.1996, p. 48).

*Artikolu 6*

**Indirizzi**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 2002.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| P. COX | M. FISCHER BOEL |

*ANNESS I*

## PROGRAMM TA' L-ISTATISTIKA MIFRUX FUQ ĦAMES SNIN: APPROĊĊ

DAĦLA

### 1. Il-bżonn ta' informazzjoni ta' l-istatistika għall-Politika ta' l-Unjoni Ewropea

Istituzzjonijiet u ċittadini ta' l-UE għandhom bżonn ta' meżżi fattwali biex iqisu l-ħtieġa għal, u l-progress ta' l-inizzjattivi tal-politika Ewropea. Informazzjoni ta' l-istatistika ta' kwalità għolja hija ta' importanza primarja biex tilħaq dan il-bżonn. L-Eurostat (l-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej) għandu bħala x-xogħol prinċipali tiegħu l-kumpilazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni rilevanti u f'waqtha mifruxa fuq medda wiesgħa ta' suġġetti soċjali, ekonomiċi u ambjentali b'appoġġ għall-politika eżistenti u futura ta' l-UE. F'Ewropa li għadha qed tiżviluppa, l-informazzjoni ta' l-istatistika għandha tkun għad-disposizzjoni f'forma u f'ħin għal min irid jużaha. Għalhekk, matul il-perjodu ta' dan il-programm irid isir aktar sforz sabiex tassigura li ċ-ċittadini għandhom aċċess għal ammont dejjem akbar ta' informazzjoni bażika fuq żviluppi ekonomiċi, soċjali u ambjentali fl-UE. L-ESS (Is-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea) għandha bżonn tiżviluppa aktar l-istrutturi u l-istrateġiji tagħha sabiex tassigura li s-sistema kollha iżżomm u tiżviluppa l-kwalità u l-effettività biex tilqa' l-ħtiġiet kollha ta' min qed jużaha.

*L-Istruttura ta' l-Anness*

Dan l-Anness jikkonċentra fuq il-fatturi determinanti tal-politika tal-programm tax-xogħol u jipprovdi ġabra fil-qosor tal-ħtiġiet ta' l-istatistika Ewropea mill-perspettiva tal-ħtiġiet tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn il-ħtiġiet huma klassifikati bit-Titoli kif identifikati fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Għal kull wieħed minn dawn it-Titoli tal-politika, dan l-Anness jipprovdi:

— l-orjentazzjoni prinċipali tax-xogħol statistiku li jrid isir f'dan il-perjodu ta' ħames snin għall kull żona politika u l-pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi maħsuba, inklużi kwalunkwe atti legali fil-ġejjieni,

— iż-żoni ta' xogħol statistiku li jżommu l-politika tat-Titolu skond it-temi ta' xogħol statistiku kif inhu definit fl-istruttura ta' l-Amministrazzjoni bbażata fuq l-Attività.

### 2. Stateġiji ta' l-implimentazzjoni

(a) *Għanijiet*

L-għanijiet stabbiliti fil-Pjan Korporattiv ta' l-Eurostat isaħħu l-eżekuzzjoni tal-programm ta' xogħol, li se jiġi magħmul billi jitqies il-prinċipju ta' l-effettività, taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż, kif jistabbilixxi l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 322/97. Dawn l-għanijiet huma:

— L-Eurostat għas-servizz tal-Kummissjoni,

— L-Eurostat għas-servizz ta' Istituzzjonijiet oħra Ewropej u tal-Komunità f'użu aktar wiesa'

— Jikkontribwixxi għall-manteniment u l-iżvilupp tas-Sistema Statistika Ewropea,

— Isaħħaħ il-motivazzjoni u s-sodisfazzjon ta' l-impjegati,

— Itejjeb il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi tiegħu,

— Iżid il-produttività interna.

(b) *Produzzjoni statistika*

B'assoċjazzjoni ma' sħabha fl-ESS, l-Eurostat tieħu ħsieb il-proċessi tal-produzzjoni li jassiguraw li l-Istatistiċi Ewropej jilħqu l-livell ta' kwalità meħtieġ għall-għanijiet ta' l-amministrazzjoni tal-politika fl-UE. Enfasi partikolari tingħata lill-istatistiċi għall-ħtiġiet tal-Euro-zone.

L-Eurostat u s-sħab ta' l-ESS jieħdu taħt ir-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu reviżjoni permanenti ta' l-informazzjoni statistika ta' l-UE u dik nazzjonali biex jassiguraw li din tilħaq il-ħtiġiet veri kemm għall-għanijiet tal-Politika ta' l-UE kif ukoll għal dik Nazzjonali u li ż-żewġ aspetti jintegraw kompletament.

(ċ) *Effiċjenza ta' l-implimentazzjoni*

Il-Kummissjoni tkompli tagħmel stima tal-modi tagħha ta' xogħol sabiex tassigura l-użu l-aktar effiċjenti mir-riżorsi tagħha. Ċerti kompiti fil-qasam ta' l-istatistika jistgħu jiġu identifikati bħala xierqa għall-implimentazzjoni u jiġu segwiti minn aġenzija amministrattiva. L-istabbiliment ta' din l-aġenzija amministrattiva iseħħ wara analiżi kompluta li tkun konformi mad-disposizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fuq dawn il-gruppi. Sħab fl-ESS jiġu kkonsultati permezz tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika u jkunu informati kompletament fuq dan il-proċess.

(d) *Implimentazzjoni tal-budget fuq il-programm*

Riżorsi tal-*budget* imqiegħda għad-disposizzjoni għall-informazzjoni statistika taħt dan il-programm huma soġġetti għall-proċedura tal-*budget* ta' kull sena mingħajr preġudizzju għal riżorsi tal-*budget* imqiegħda għad-disposizzjoni taħt atti legali oħra. Ir-riżorsi jintużaw:

— għall-produzzjoni ta' l-istatistiċi kif definit fir-Regolament (KE) Nru 322/97, inkluż l-iżvilupp u l-manteniment tas-sistemi ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika u l-infrastruttura neċessarja assoċjata,

— għall-għotjiet magħmula lis-sħab fl-ESS (l-Eurostat tfittex li tikkonkludi ftehimiet ta' l-istruttura ma' dawn is-sħab),

— għal assistenza teknika u amministrattiva kif ukoll miżuri oħra ta' appoġġ.

3. **Prijoritajiet**

Il-prijoritajiet għal xogħol statistiku huma mmexxija skond erba' kategoriji differenti ta' attività.

(a) *Ħtiġiet tal-politika fil-Komunità*

L-implikazzjonijiet ta' l-istatistika fuq iż-żoni prinċipali tal-politika fil-Komunità huma dawk identifikati bħalissa mill-Kummissjoni u jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġejjin:

— L-Unjoni Ekonomika u Monetarja: l-istatistiċi kollha meħtieġa għall-Fażi III EMU u l-impatt fuq l-istabbiltà u t-tkabbir,

— it-tkabbir ta' l-UE: jinkorpora dawk iż-żoni ta' indikaturi ta' l-istatistika ta' importanza primarja għan-negozjati ta' l-adeżjoni u għall-integrazzjoni ta' pajjiżi kandidati fl-ESS,

— il-kompetizzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u l-aġenda soċjali: partkolarment, statistiċi fuq is-suq tax-xogħol, l-ambjent, is-servizzi, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-emigrazzjoni u l-*e Europe,*

— kordinazzjoni miftuħa: id-disposizzjoni ta' indikaturi u statistiċi relatati, ibbażati fuq metodoloġiji aħjar u produzzjonijiet armonizzati, skond il-mandati maħruġa mill-Kunsill Ewropew.

(b) *Proġetti prinċipali*

Din tkopri żoni primarji ta' xogħol neċessarji biex jassiguraw il-funzjonament tas-sistema. Dawn ikunu soġġetti għall-approċċ formali ta' amministrazzjoni ta' proġett, kif ġejjin:

— Xogħol ta' infrastruttura

Jikkonsolida l-funzjonament ta' l-ESS f'Ewropa aktar profonda u mkabbra. Mezzi differenti ta' koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet nazzjonali ta' l-istatistika u l-Eurostat jiġu rranġati f'posthom. Dawn ikunu bbażati l-aktar fuq it-tibdil ta' *data* bejn awtoritajiet nazzjonali ta' l-istatistika, l-ispeċjalizzazzjoni ta' Stati Membri f'ċerti oqsma speċifiċi u l-flessibiltà fil-lanċjar ta' stħarriġ statistiku biex jilħaq il-ħtiġiet Ewropej u nazzjonali.

Jiżviluppa sistema li kapaċi tirreaġixxi għall-ħtiġiet fl-iżvilupp tal-politika u, fl-istess ħin, tippromwovi djalogu bejn in-nies li jaħdmu fl-istatistika u dawk fil-politika sabiex jassigura flessibiltà fir-rispons u rilevanza tal-prodotti statistiċi.

L-iżvilupp ta' l-infrastruttura teknoloġika fuq livell tal-Kummissjon u l-Istati Membri għandu l-għan li jassigura aktar produttività, tnaqqis fuq il-piżijiet tar-rispons u aċċess aktar faċli għall-użu ta' l-informazzjoni statistika.

L-involviment ta' l-Eurostat fl-inizzjattivi ta' l-*e Commission* u l-*e Europe* kif ukoll l-adeżjoni ta' l-ESS għall-programmi ta' riċerka u żvilupp u l-programm ta' bdil ta'*data* bejn l-amministrazzjonijiet (IDA) jassiguraw koperazzjoni u sinerġija bejn l-isforzi tal-Komunità u dawk taċ-ċittadini.

L-assiguranza fil-kwalità u l-bażi xjentifika ta' l-istatistiċi tal-Komunità jkunu r-riżultat ta' koperazzjoni tajba bejn l-esperti ta' l-istatistika uffiċjali u dawk akkademiċi.

— Proġetti speċifiċi

Statistiċi fuq l-ekonomija l-ġdida, inklużi oqsma bħas-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-innovazzjoni.

Statistiċi fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, inkluż il-*benchmarking* tal-politika nazzjonali ta' l-RTD.

Statistiċi għal perijodu qasir.

Indikaturi li jappoġġjaw il-politika għall-iżvilupp sostenibbli.

Esklużjoni soċjali u indikaturi tal-povertà.

(ċ) *Appoġġ statistiku għall-politika kurrenti*

Dan ikopri l-kontinwazzjoni ta' l-attivitajiet statistiċi, li jappoġġjaw politika eżistenti fil-Komunità bħall-agrikoltura, il-politika reġjonali u l-kummerċ estern.

(d) *Żoni oħra*

Żoni oħra ta' ġabra ta' *data* statistika mhux imsemmija hawn fuq imma li huma meħtieġa għal għanijiet politiċi.

Għall-attivitajiet fi ħdan din l-istruttura ta' prijorità, il-firxa dettaljata u l-estent ta' *data* miġbura ġew b'mod ġenerali żviluppati mill-Eurostat ma' L-Istati Membri fil-kuntest ta' l-SPC u CMFB. Dan isegwi r-regoli definiti fir-Regolament tal-Kunsill fuq l-istatistiċi fil-Komunità u jaqbel mal-prinċipji miftiehma għal deċiżjonijiet bħal dawn li jikkonċernaw l-amministrazzjoni tax-xogħol.

4. **Sussidjarjetà**

Il-kunċett leġislattiv għal dan huwa:

1. Deċiżjoni Nru 89/382/KEE, Euratom li jistabbilixxi Kumitat fuq il-programmi statistiċi tal-Komunitajiet Ewropej (SPC)

2. Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97

3. Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 97/281/KE tal-21 ta' April 1997 fuq ir-rwol ta' l-Eurostat rigward il-produzzjoni ta' l-istatistiċi tal-Komunità ([1]).

L-Eurostat hija responsabbli li tassigura d-disposizzjoni ta' l-istatistiċi tal-Komunità għall-għanijiet tal-politika ta' l-UE. L-Eurostat tista' tagħmel dan il-kompitu biss b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet statistiċi fl-Istati Membri. Għalhekk, l-attivitajiet huma dejjem ibbażati fuq prinċipju fondamentali ta' sussidjarjetà. Dan jinvolvi firxa wiesgħa ta' aġenziji bi sħab imma prinċipalment l-istituzzjonijiet ta' l-istatistika nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE.

5. **Il-bilanċ ta' ħtiġiet u riżorsi**

L-ESS trid toqgħod attenta ħafna għall-bilanċ bejn il-ħtiġiet għal informazzjoni għall-għanijiet tal-politika fil-Komunità u r-riżorsi meħtieġa fuq livelli ta' l-UE, nazzjonali u reġjonali biex jipprovdu din l-informazzjoni. Id-disposizzjoni ta' riżorsi adegwati f'kuntest nazzjonali huwa ta' importanza partikolari fl-insegwiment tal-ħtiġiet ta' l-informazzjoni statistika tad-deċiżjonjiet tal-politika ta' l-UE. Huwa importanti wkoll, madankollu, li żżomm biżżejjed flessibiltà li tħalli l-awtoritajiet nazzjonali jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-informazzjoni statistika tal-Komunità bl-aktar mod effettiv, taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż.

Biex tappoġġja strateġija bbażata fuq il-prijoritizzazzjoni, il-proċess ta' l-iprogrammar ta' kull sena għandu jinkludi reviżjoni tan-neċessità kontinwa ta' l-istatistiċi eżistenti tal-Komunità, billi jidentifika dawk li jistgħu jitnaqqsu jew jitwaqqfu. Dan għandu jitmexxa b'koperazzjoni stretta ma' l-utenti prinċipali ta' l-istatistiċi bħala konsiderazzjoni importanti għall-introduzzjoni ta' inizjattivi statistiċi ġodda.

Dan l-Anness jidentifika s-sett ta' ħtiġiet statistiċi neċessarji biex jappoġġjaw il-politika fil-Komunità. Fil-kuntest ta' amministrazzjoni globali tar-riżorsi, l-allokazzjoni tal-prijoritajiet tul il-kompnenti kollha tax-xogħol statistiku huwa definit skond l-istruttura spjegata aktar 'il fuq.

## PROGRAMM STATISTIKU TA' ĦAMES SNIN: GĦANIJIET U AZZJONIJIET

### IT-TKABBIR TA' L-UNJONI EWROPEA

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Huwa mistenni li n-negozjati ta' l-adeżjoni jitlestew bi trattat ta' adeżjoni għal numru ta' pajjiżi kandidati matul il-validità tal-programm 2003 sa l-2007. Għall-insegwiment u l-kompletar potenzali ta' dawn in-negozjati, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tiġbor sett komplut ta' statistiċi kredibbli, komparabbli metodoloġikament ma' dawk tal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. L-Unjoni wara ikollha tiffaċċja żewġ sfidi kemmxejn differenti:

— biex tintegra l-membri potenzali ġodda fil-mekkaniżmi kollha tal-komunità, inklużi per eżempju l-*budgets* tar-riżorsi proprji u fondi strutturali u kull kwistjonijiet u programmi oħra,

— biex tkompli tipprepara l-kandidati li fadal u tgħinhom jilħqu l-konformità sħiħa mal-leġislazzjoni kurrenti tal-Komunità.

([1]) ĠU L 112, tad-29.4.1997, p. 56.

Fiż-żewġ każijiet id-domanda għolja għall-produzzjoni statistika tal-kandidati, li trid tiġi vverifikata u kkomunikata permezz ta' l-Eurostat, m'għandiex tkun sottovalutata. Evidentement, statistiċi ekonomiċi bażiċi huma indispensabbli, inklużi d-distribuzzjoni settorjali u reġjonali tal-kreazzjoni tal-prodott gross domestiku, il-popolazzjoni u l-impieg. Żoni oħra importanti huma dawk li jkejlu l-implimentazzjoni tas-suq komuni, i.e. attivitajiet b'effetti bla fruntiera bħal kummerċ fil-merkanzija, kummerċ fis-servizzi u libertà tan-negozju, bilanċ ta' pagamenti, movimenti kapitali, mobbiltà tal-persuni (ħaddiema immigranti, emigrazzjoni, nies ifittxu l-asil, eċċ.), il-produzzjoni industrijali u struttura bi ħsieb ta' tkabbir, eċċ. B'mod ġenerali, il-produzzjoni statistika għandha tappoġġja l-politika li tikkonċerna l-UE, inkluż l-unjoni monetarja li tiġġenera d-domanda. B'żieda ma' dan hemm ħtiġiet statistiċi f'setturi sensittivi għan-negozjati ta' l-adeżjoni, li jappoġġjaw politika primarja ta' l-UE bħall-agrikoltura, it-transport, il-politika reġjonali u l-ambjent.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu ta' ħames snin ix-xogħol jikkonċentra fuq li ġej:

— jikkonsolida l-kollezzjoni tad-*data* mqabbla għan-negozjati u l-għanijiet interni ta' l-UE,

— ikompli jgħin lill-pajjiżi kandidati u membri ġodda biex itejbu is-sistemi statistiċi tagħhom ħalli jilħqu l-bżonnijiet tal-Komunità, inklużа informazzjoni bikrija fuq kwalunkwe leġislazzjoni ġdida tal-Komunità.

TITOLU I

**Il-moviment liberu tal-merkanzija**

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Id-dħul fis-seħħ tas-Suq Komuni fl-1993 wassal għall-introduzzjoni ta' sistema ta' kejl statistiku tal-kummerċ fil-merkanzija bejn l-Istati Membri (Intrastat), tnaqqis fil-piż ta' dawk li jfornu l-informazzjoni u għalhekk rispons aktar xieraq għall-bżonnijiet ta' l-unjoni ekonomika u monetarja. Madankollu, it-tnaqqis fil-piż kien limitat minħabba x-xewqat ta' l-awtoritajiet nazzjonali u ħafna federazzjonijiet professjonali biex iżommu sistema ta' statistiċi dettaljati ta' kummerċ ġewwa l-Komunità komparabbli ma' statistiċi barra l-Komunità.

Bi qbil mal-pjan strateġiku approvat fl-1999 mill-Eurostat u l-Istati Membri, adattamenti ġodda tas-sistema jiġu eżaminati u ppruvati qabel kull riforma tal-leġislazzjoni. Is-sistema l-ġdida għalhekk trid tiffoka fuq il-provvista tar-riżultati li jilħqu l-bżonnijiet tal-Komunità skond kriterji stretti ta' kwalità f'termini ta' kopertura, kredibilità u disponibbiltà. Il-kontenut tar-riżultati għandhom ikunu definiti b'tali mod li jiffaċilitaw il-ħtiġiet kurrenti filwaqt li jieħdu ħsieb l-iżvilupp tal-bżonnijiet hekk kif l-integrazzjoni Ewropea timxi 'l quddiem. Tittieħed azzjoni wkoll sabiex titjieb il-kredibilità tal-prezzijiet statistiċi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni biex tħalli l-kompetittività interna tal-prodotti ta' l-Unjoni titkejjel b'mod aktar effettiv.

Fl-istess ħin, il-konsegwenzi possibbli tal-bidla għal sistema komuni tal-VAT tkun analizzata permezz ta' evalwazzjoni ta' l-egħjuni ta' informazzjoni amministrattiva jew statistika li tista' tintuża bħala referenza, bil-prijorità li tinżamm il-konnessjoni mas-sistema tal-VAT u l-użu tar-reġistru tal-kummerċ ġenerali.

*Ġabra fil-qosor*

Fl-aħħar tal-programm ta' ħames snin il-Kummissjoni tkun adottat u tejbet is-sistemi ta' kejl statistiku tal-kummerċ tal-merkanzija bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, bil-ħsieb ta' l-iżvilupp tal-ħtiġiet ta' l-informazzjoni kif ukoll ta' l-ambjent ekonomiku u amministrattiv.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *It-temiet tax-xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU I<br>IL-MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA | |
| It-temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 53 Il-kummerċ fil-merkanzija |
| Temiet oħra importanti li jikkontribwixxu | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-impriża |
| | 45 L-enerġija |
| | 48 It-trasport |
| | 64 Il-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' |
| | 65 Il-produzzjoni ta' l-annimali |
| | 66 Statistiċi ta' l-agro-industrija |

TITOLU II

## Agrikoltura

*L-implikazzjonijiet statistiċi*

Agrikoltura

Il-Politika Agrikola Komuni (CAP) tassorbi kważi nofs il-*budget* tal-Komunitajiet. Il-Kummissjoni għalhekk għandha kompitu ta' importanza kbira rigward il-CAP, bis-soltu rwol tal-formulazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u adattament tal-politika. Il-Kummissjoni għandha kompetenza delegata estensiva għall-amministrazzjoni kurrenti. L-isforz prinċipali fil-perjodu ta' ħames snin bejn l-2003 u l-2007 se jkun, bħall-programm ta' bejn l-1998 u l-2002, li jħaddem din is-sekwenza kbira ta' statistiċi u li jżomm il-manutenzjoni essenzali. Tkompli tingħata attenzjoni partikolari lid-dimensjoni ambjentali, bl-iżvilupp ta' l-istatistiċi meħtieġa għall-analiżi tal-konnessjoni interna bejn l-agrikoltura u l-ambjent, inkluż it-titjib ta' l-istatistiċi fuq l-użu tad-demel u l-pestiċidi, fuq il-biedja organika u fuq azzjoni li żżomm il-biodiversità u l-ambjenti rurali.

L-istruttura ta' l-amministrazzjoni tal-Pjan Tekniku ta' Azzjoni għall-Istatistiċi Agrikoli (Tapas) tipprovdi approċċ kollettiv u trasparenti għall-użu dejjem aħjar ta' riżorsi nazzjonali u tal-Komunità disponibbli għall-produzzjoni ta' statistiċi agrikoli. L-Istatistiċi prodotti jintużaw għal skopijiet akbar (e.g. mudellar, aċċess dirett mil-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej).

Żewġ kompiti li jħarsu lejn il-futur se jittieħdu. L-istatistiċi agrikoli se jiġu fformulati biex jilħqu l-ħtiġiet tal-CAP minn seba' sa għaxar snin, billi jitqies il-mod li l-CAP jista' jinbidel wara r-riformi li ġejjin mill-"Agenda 2000". Xogħol fuq *data* agro-ambjentali jiġi żviluppat aktar. B'mod partikolari, jitkompla x-xogħol fuq l-indikaturi ta' l-integrazzjoni tal-fatturi ambjentali fil-CAP u fuq l-indikaturi tal-pajsaġġi operazzjonali. Tingħata wkoll attenzjoni għall-ħtieġa dejjem akbar ta' informazzjoni fl-aspetti tal-konsumatur/assistenza soċjali fl-agrikoltura u lill-appoġġ statistiku għall-iżvilupp rurali tal-CAP. Il-konklużjonijiet tar-reviżjoni komprensiva indipendenti tas-sistema preżenti tintuża sabiex tadatta s-sekwenza ta' statistiċi agrikoli tal-Komunità biex tkun f'posizzjoni tagħraf tidentifika ħtiġiet ġodda jew li qed jinbidlu. It-tieni kompitu huwa li jistabbilixxi produzzjoni regolari ta' *data* komparabbli, minn egħjuni uffiċjali, għall-pajjiżi kandidati kollha għall-adeżjoni ġewwa l-UE.

Ix-xjenza tal-foresti

F'din iż-żona, trid tingħata attenzjoni partikolari għaż-żamma u t-titjib ta' xogħol ma' organizzazzjonijiet internazzjonali l-aktar għall-iżvilupp ta' statistiċi tal-foresti ta' kwalità aħjar, inklużi kriterja u indikaturi speċifiċi meħtieġa għall-amministrazzjoni ambjentali u l-amministrazzjoni. Informazzjoni fuq amministrazzjoni sostenibbli ta' industriji li ġejjin mill-injam għandha tiġi żviluppata wkoll fl-istess ħin. Il-konsegwenzi ta' l-arranġamenti ta' Bonn fil-kuntest tal-ftehim ta' Kyoto jeħtieġ li jitqiesu għall-iżviluppi f'dan ix-xogħol.

Is-sajd

Żviluppi fil-futur fi ħdan il-Politika Komuni tas-Sajd (CFP) jikkonċentraw fuq l-integrazzjoni tal-komponenti varji, minn bioloġija sa riżorsi, permezz ta' monitoraġġ aħjar ta' l-attivitajiet tad-dgħajjes tas-sajd. Dawn il-miżuri mhux suppost li jirrikjedu domanda akbar ta' *data* u l-isforz prinċipali fis-snin li ġejjin se jkun li jikkonsolida u jtejjeb is-sekwenzi ta' *data* (kompletezza, iż-żamma tal-ħin, konsistenza, komparabbiltà u aċċessibiltà) fuq il-bażi tal-leġislazzjoni eżistenti.

Il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tat-trażżin ta' l-attivitajiet tad-dgħajjes tas-sajd u t-tnaqqis tad-daqs tal-flotta tas-sajd ta' l-UE qed jipproduċu domanda akbar għal data fuq il-parametri biex issir stima fuq is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika. Dawn l-iżviluppi x'aktarx huma elementi importanti fin-negozjar mill-ġdid tal-CFP fl-2002. L-Eurostat se ssegwi dawn in-negozjati mill-qrib biex tassigura li l-programm tagħha ta' l-istatistiċi tas-sajd ikompli jirrifletti l-ħtiġiet tad-*data* tal-CFP.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu tal-programm il-Kummissjoni tħabrek sabiex:

— tapplika l-iskema tat-TAPAS għal titjib progressiv fis-sekwenza eżistenti ta' l-istatistiċi agrikoli, l-aktar fejn jikkonċerna l-kwalità, l-komparabbiltà, tfaddil fl-effiċjenza, is-simplifikazzjoni u ż-żamma tal-ħin,

— tippjana l-iżvilupp ta' l-istatistiċi agrikoli bil-għan li tilħaq il-ħtiġiet futuri tal-CAP,

— tipprovdi indikaturi għal integrazzjoni aħjar tal-fatturi ambjentali fil-CAP u informazzjoni fuq l-aspetti tal-konsumatur/assistenza soċjali fl-agrikoltura,

— tassisti fl-iżvilupp ta' *data* komparabbli fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni fl-UE,

— tikkonsolida, ittejjeb u testendi statistiċi tal-foresti (indikaturi),

— tikkonsolida u ttejjeb il-kwalità ta' l-istatistiċi tas-sajd.

*il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta’ l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *It-temi tax-xogħol ta’ l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU II<br>AGRIKOLTURA | |
| Temi prinċipali ta’ xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 61 L-użu ta’ l-art u l-pajsaġġ<br>62 Strutturi agrikoli<br>63 Statistiċi agrikoli monetarji<br>64 Il-produzzjoni ta’ l-uċuħ tar-raba<br>65 Il-produzzjoni ta’ l-annimali<br>66 L-istatistiċi agro-industrijali<br>67 Il-kordinazzjoni u r-riforma ta’ l-istatistiċi agrikoli<br>68 L-istatistiċi tal-foresti<br>69 L-istatistiċi tas-sajd |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 53 Il-kummerċ fil-merkanzija<br>70 L-iżvilupp sostenibbli<br>72 L-istatistiċi reġjonali<br>74 Informazzjoni ġeografika u lokali |

## TITOLU III

## **Il-moviment liberu tal-persuni, is-servizzi u l-kapital**

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-istatistiċi tal-bilanċ ta’ pagamenti ta’ l-UE jipprovdu informazzjoni kemmxejn dettaljata fuq il-kummerċ fis-servizzi u l-investimenti diretti. Statistiċi fuq il-kummerċ ta’ ferghat barranin għadhom qed jiġu żviluppati. Għalkemm dawn l-istatistiċi kollha qed jiġu żviluppati l-aktar b’rispons għal Ftehim Ġenerali fuq il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) u għalhekk biex jipprovdu informazzjoni fuq il-ħidma ma’ pajjiżi barra l-Komunità, l-Istati Membri jqisu essenzali li jkomplu jiġbdu bilanċ nazzjonali ta’ pagamenti (inklużi wkoll għalhekk movimenti ġewwa l-UE) anke fi ħdan l-unjoni ekonomika u monetarja. Bħalissa, l-istatistiċi prodotti ikopru kemm il-kummerċ barra l-UE u dak ġewwa l-UE u għalhekk jilħqu l-ħtiġiet tas-suq komuni. Madankollu, hemm riskju ta’ inċertezza rigward din l-informazzjoni. B’żieda ma’ dan, is-sistemi għall-ġbir ta’ data ta’ bilanċ ta’ pagamenti qed jiġu preżentement ristrutturati (ara Titolu VII). Il-ħtiġiet tal-Kummissjoni f’din l-erja jeħtieġ għalhekk li jiġu meqjusa u definiti mill-ġdid.

Għandha titqiegħed sistema ta’ indikaturi ta’ globalizzazzjoni. Għall-iżvilupp ta’ din l-isfera ser jintużaw bħala pilastri għodod ġodda ta’ l-istatistika bbażati fuq il-bdil ta’ *data* bejn l-Istituzzjonijiet Statistiċi Nazzjonali u l-ġbir ta’ informazzjoni fuq livell Ewropew.

L-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta’ affiljati barranin (FATS) jippermettu l-ewropizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tas-sistemi tal-produzzjoni li jridu jitkejlu.

L-istatistiċi jimmiraw dejjem aktar biex janalizzaw it-turiżmu sostenibbli flimkien ma’ l-iżvilupp sostenibbli billi jiżviluppaw kontijiet satellita.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill fuq statistiċi awdjoviżivi trid tiġi implimentata. L-Eurostat għalhekk ikompli jikkonsolida x-xogħol li diġa’ ttieħed sa mill-1999 biex jistabbilixxi infrastruttura ta’ l-informazzjoni statistika tal-Komunità relatata ma’ l-industrija u s-swieq tas-setturi awdjoviżivi u relatati. B’żieda ma’ dan, jeħtieġ li tiġi żviluppata bażi legali ta’ Statistiċi tat-Telekomunikazzjonijiet.

Sistema flessibbli u adattabbli għall-ġbir ta’ informazzjoni fuq l-indikaturi tas-soċjetà se tiġi stabbilita gradwalment fuq il-bażi ta’ l-istħarriġ eżistenti jew ġdid skond il-prijoritajiet imwaqqfa mill-Kunsill.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu ta’ ħames snin il-Kummissjoni se tħabrek sabiex:

— tiżviluppa sett stabbli u flessibbli ta’ indikaturi fuq il-globalizzazzjoni,

— tiżviluppa sett ta’ indikaturi stabbli u flessibbli fuq is-soċjetà ta’ l-informazzjoni, inklużi s-servizzi awdjoviżivi,

— timxi ‘l quddiem fl-iżvilupp tal-kontijiet satellita fil-qasam tat-turiżmu.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *It-temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU III<br>IL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI,<br>TAS-SERVIZZI U TAL-KAPITAL | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>48 It-trasport<br>49 Is-Soċjetà ta' l-informazzjoni<br>50 It-turiżmu<br>54 Il-kummerċ fis-servizzi u fil-bilanċ ta' pagamenti |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 57 Statistiċi għall-analiżi taċ-ċiklu tal-kummerċ<br>70 L-iżvilupp sostenibbli<br>71 Statistiċi ambjentali |

## TITOLU IV

### Il-*visas*, l-asil, l-immigrazzjoni u politika oħra relatata mal-moviment liberu tal-persuni

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Il-kompetenza tal-Komunità fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-asil ġiet stabbilita mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam fl-1 ta' Mejju 1999. Mat-talba tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni ssottomettiet f'Novembru 2000 żewġ Komunikazzjonijiet biex tqajjem dibattitu fil-Komunità fuq l-aspetti fit-tul ta' politika komuni ta' l-UE. Iż-żewġ Komunikazzjonijiet indirizzaw il-kwistjoni ta' l-istatistiċi f'din il-perspettiva. Il-Komunikazzjoni fuq il-politika dwar l-immigrazzjoni fil-Komunità ([1]) tenfasizza l-ħtieġa ta' aktar informazzjoni dwar il-fluss ta' l-immigrazzjoni u l-forom ta' l-immigrazzjoni ġewwa u barra mill-UE. Il-Komunikazzjoni fuq l-asil ([2]) tgħid li biex tistabbilixxi u timplimenta s-sistema ta' l-asil komuni Ewropew, hemm bżonn ta' analiżi profonda fuq l-iskala tal-flussi ta' l-immigrazzjoni, l-oriġini tagħhom, kif ukoll analiżi tal-karatteristiċi ta' l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni u r-rispons lejhom. It-tkabbir ta' l-Unjoni u l-iżvilupp tal-koperazzjoni mal-pajjiżi tal-Bażi tal-Mediterran isaħħu aktar il-ħtiġiet għall-informazzjoni statistika f'dawn l-oqsma.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu tal-programm ta' ħames snin il-Kummissjoni:

— tiżviluppa nomenklatura aktar standardizzata fiż-żoni ta' l-immigrazzjoni u l-asil bi qbil ma' l-awtoritajiet nazzjonali,

— tkabbar il-medda u l-kwalità ta' l-istatistiċi f'dan il-qasam sabiex jilħqu l-ħtiġiet inizjali li jinsabu fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi tax-xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU IV<br>*VISAS*, ASIL, IMMIGRAZZJONI U POLITIKA OĦRA RELATATA MAL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 31 Il-popolazzjoni |

## TITOLU V

### It-trasport

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-istatistiċi tat-trasport fil-Komunità huma meħtieġa sabiex jappoġġjaw il-politika tat-trasport komuni (L-Artikoli 70 sa 80) u l-komponent tat-trasport tar-rettikolat Trans-Ewropew (TENs) (L-Artikoli 154 sa 156).

(1) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fuq politika dwar l-immigrazzjoni fil-Komunità, it-22 ta' Novembru 2000 (COM(2000) 757 finali).

(2) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Lejn proċedura komuni ta' l-asil u status uniformi, validu ma' l-Unjoni kollha, għall-persuni li ingħatalhom l-asil", 22 Novembru 2000 (COM(2000) 755 final).

It-trasport jagħmel ukoll parti importanti mill-politika reġjonali u ambjentali tal-Komunità (ara t-Titoli XVII u XIX) u jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli.

L-istatistiċi tal-Komunità għandhom jifformaw sistema komprensiva ta' l-informazzjoni tat-trasport, inkluża *data* dwar il-flussi tal-merkanzija u l-passiġġieri, kif ukoll dwar l-infrastruttura, l-apparat, il-flussi tat-traffiku, il-mobbiltà personali, is-sigurtà, il-konsum ta' l-enerġija u l-impatt ambjentali, kif ukoll *data* dwar l-ispiża u l-prezzijiet tat-trasport u dwar l-intrapriża tat-trasport. Oġġettiv prinċipali jkun li jċaqlaq il-bilanċ bejn il-mezzi tat-trasport, favur il-ferrovija u l-baħar f'distanzi qosra kontra t-trasport fuq l-art, u b'hekk ineħħi l-akkoppjament eżistenti bejn it-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fit-traffiku. Ikun meħtieġ li tipprovdi statistiċi aħjar fuq il-qasma tal-mezzi differenti, li tkopri l-passiġġieri kif ukoll il-merkanzija, u li tqis ukoll il-mezzi kollha tat-trasport u ttejjeb l-aspetti taż-żamma tal-ħin.

Il-ftuħ tas-swieq tat-trasport għall-kompetizzjoni teħtieġ *data* statistika oġġettiva biex tqis l-iżviluppi f'dawn is-swieq u tagħmel stima ta' l-impatt ta' dawn l-iżviluppi fuq l-impieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-intrapriżi tat-trasport u fuq il-vijabilità ekonomika ta' dan il-kummerċ. Hija ssaħħaħ ukoll id-domanda għall-indikaturi statistiċi relatati mal-kwalità tas-sigurtà u s-servizzi. It-tendenzi tas-swieq jeħtieġu l-ġbir ta' data statistika fuq it-trasport tal-merkanzija li jikkonċentraw inqas fuq mezz wieħed ta' trasport, imma li jipprovdu informazzjoni fuq is-sensiela kompluta bejn il-mezzi differenti tat-trasport u fuq it-trasport tal-merkanzija minn perspettiva tas-suq.

L-istudju tar-relazzjoni bejn it-trasport u l-ambjent ikun il-forza prinċipali għal titjib fil-kwalità u fil-kopertura taż-żoni kollha tad-*data* tat-trasport. Huwa jiġġenera wkoll ċerti ħtiġiet speċifiċi għal żieda ta' *data*, per eżempju fuq il-mobiltà personali u fuq l-apparat tat-trasport. Ikun hemm il-ħtieġa li twieġeb għal domanda akbar ta' *data* dwar it-traffiku espress f'kilometri ta' vettura għal mezzi kollha tat-trasport, bil-ħsieb ta' l-importanza tagħhom fil-monitoraġġ tal-konġestjoni u l-emissjonijiet ta' gass.

Il-kontinwazzjoni ta' livell għoli ta' investiment fl-infrastruttura tat-trasport Ewropew, u b'mod partikolari it-trasport TEN, tiġġenera ħtiġiet speċifiċi għall-istatistiċi fuq l-infrastruttura u fuq it-tendenzi fis-suq. It-TEN, flimkien mal-politika reġjonali tal-Komunità, tkompli tiġġenera domanda għal *data* aktar skomposta fuq in-*networks* u l-flussi tat-trasport, li għandhom jitqiesu bħala parti integrali tas-sistema globali ta' l-informazzjoni tat-trasport.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu ta' ħames snin il-Kummissjoni se tħabrek biex:

— ittemm il-kopertura ta' l-istatistiċi tat-trasport fil-Komunità mifruxa fuq il-mezzi kollha tat-trasport u kull tip ta' informazzjoni,

— tkompli tadatta u ttemm, fejn hemm bżonn, il-bażi legali għall-istatistiċi tat-trasport,

— tisħaq fuq il-ġbir ta' statistiċi addizzjonali fuq is-sensiela tat-trasport bejn il-mezzi differenti kif ukoll dik id-*data* meħtieġa biex issegwi l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali fil-politika tat-trasport (l-eżerċizzju TERM).

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi tax-xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU V<br>IT-TRASPORT | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 48 It-Trasport<br>72 Statistiċi reġjonali |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>45 L-Enerġija<br>49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni<br>50 It-turiżmu<br>53 Il-kummerċ fil-merkanzija<br>61 L-użu ta' l-art u l-pajsaġġ<br>70 L-iżvilupp sostenibbli<br>71 Statistiċi ambjentali<br>74 Informazzjoni ġeografika u lokali |

## TITOLU VI

## Regoli komuni fuq il-kompetizzjoni, it-tassazzjoni u l-approssimazzjoni tal-liġijiet

L-ebda programm statistiku dirett mhu meħtieġ. Informazzjoni statistika għal dan it-titolu titnissel skond il-ħtieġa minn *data* u indikaturi maħruġa għal titoli oħra fil-programm.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU VI<br>REGOLI KOMUNI FUQ IL-KOMPETIZZJONI, IT-TASSAZZJONI U L-APPROSSIMAZZJONI TAL-LIĠIJIET | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 32 Is-suq tax-xogħol<br>53 Il-kummerċ fil-merkanzija |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>45 L-enerġija<br>48 It-trasport<br>49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni<br>63 Statistiċi agrikoli monetarji<br>64 Il-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba<br>65 Il-produzzjoni ta' l-annimali<br>66 Statistiċi agro-industrijali |

## TITOLU VII

## Il-politika ekonomika u monetarja

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-implimentazzjoni ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja teħtieġ statistiċi segwiti mill-qrib ħafna sabiex jappoġġjaw il-kordinazzjoni tal-politika makroekonomika u l-funzjonijiet tal-politika monetarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jippreżenta ħtiġiet statistiċi ġodda. Sadattant, jibqa' importanti l-kejl ta' l-estensjoni ta' konverġenza ekonomika milħuqa mill-Istati Membri.

Biex tipprovdi l-istatistiċi bil-wisa' neċessarja, il-komparabbiltà, iż-żamma tal-ħin u l-frekwenza li tikkordina l-politika makroekonomika u tappoġġja l-funzjonijiet tal-politika monetarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali, ix-xogħol irid jiġi segwit minn indikaturi tad-domanda fuq perijodu qasir, mill-produzzjoni, mis-suq tax-xogħol,mill-prezzijiet u mill-ispejjeż. Metodi ġodda (e.g. estimi immedjati, *nowcasting*, eċċ.) jiġu applikati biex itejbu s-servizzi għall-analisti taċ-ċiklu tal-kummerċ. Dan ix-xogħol ikompli jintegra l-iżvilupp ta' l-indikaturi monetarji u finanzjarji.

It-titjib permanenti taż-żamma tal-ħin u r-rapport tad-*data* huwa meħtieġ fl-istruttura tal-Pjan ta' Azzjoni fuq il-ħtiġiet statistiċi ta' l-EMU. Il-kalkolazzjoni tal-mases taż-żona euro se jkunu jeħtieġu fl-iqsar żmien possibbli l-produzzjoni fil-ħin tal-kontijiet nazzjonali ta' kull kwart tas-sena u l-implimentazzjoni ta' estimi immedjati. B'żieda ma' dan, ikun hemm il-ħtieġa ta' xogħol maġġuri fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji u dawk mhux finanzjarji, fis-settur istituzzjonali, f'kull kwart tas-sena, li huma kompletament konsistenti mal-kontijiet ta' kull sena u l-finanzi pubbliċi fuq perijodu qasir. It-talba għall-informazzjoni tal-kontropartijiet fil-kontijiet finanzjarji, li turi r-relazzjonijiet minn "min għal min" bejn is-setturi, hija għodda importanti fl-analiżi tal-politika monetarja. F'approċċ ta' pass pass, din l-informazzjoni trid tiġi miġbura matul dan il-programm ta' ħames snin.

Matul il-perjodu ta' dan il-programm, mill-2003 sa l-2007, il-fattur singolu l-aktar sinifikanti huwa mistenni li jkun it-tkabbir ta' l-UE minn 15-il membru sa 20 jew aktar. Dan jirrikjedi xogħol sostanzjali fuq il-provvista ta' data mill-membri l-ġodda u fuq il-validazzjoni mill-Eurostat. Għall-appoġġ komplut tal-politika tat-tkabbir tal-Kummissjoni, l-assistenza għall-pajjiżi kandidati se tkun segwita u żviluppata b'tali mod li tassigura disponibbiltà, kwalità, żamma tal-ħin u komparabbiltà adegwata tad-*data*.

Għall-Istati Membri kollha tingħata attenzjoni akbar lill-kwalità tad-*data*, kemm fil-prezzijiet kostanti kif ukoll dawk kurrenti. Użu wieħed amministrattiv, bir-riżorsi proprji bbażati fuq id-dħul gross nazzjonali, jirrappreżenta 60 % tal-budget ta' l-UE. Il-parti l-kbira tal-kompitu se tkun li tkompli u ssaħħaħ l-isforzi biex tgħaqqad flimkien l-istatistiċi fuq il-kriterji ta' konverġenza. L-għan taż-żamma ta' l-istabbilità fil-prezzijiet (l-Artikolu 105 tat-Trattat) u l-provvista ta' l-informazzjoni għall-politika monetarja taż-żona euro ta' l-ECB jeħtieġ li, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 rigward l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur ([1]), il-kwalità ta' l-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICPs) għandhom jinżammu u jitjiebu wkoll. Il-metodoloġija ta' l-HICP għandha tiġi kompluta u konsolidata fi ħdan l-istruttura tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi aktar 'il fuq.

([1]) ĠU L 257, tas-27.10.1995, p. 1.

L-osservanza tas-sitwazzjoni tal-budget u l-ħażniet tad-dejn tal-gvern (l-Artikolu 104 tat-Trattat u l-Patt ta' l-Istabbiltà u t-Tkabbir miftiehem f'Dublin) jiġu bbażati fuq il-kontijiet tal-gvern ġenerali maħduma permezz tal-metodoloġija ESA 95 approvata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ([1]). L-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà jinżammu taħt reviżjoni sabiex jipprovdu lil dawk li se jieħdu d-deċiżjonijiet istituzzjonali b'għodda statistika ta' kwalità għolja u komparabbli biex ma joħolqux xi tagħwiġ fil-ġudizzji dwar is-sitwazzjoni tal-*budget* f'kull Stat Membru.

L-istudju ta' l-iżvilupp ekonomiku fl-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 99 tat-Trattat isaħħaħ il-bżonn ta' l-implimentazzjoni sħiħa tal-programm ta' trasmissjoni tad-*data* eżistenti fuq il-kontijiet nazzjonali skond ir-Regolament ESA 95, speċjalment fejn jikkonċerna ż-żamma tal-ħin u l-kopertura, u jestendih progressivament għal żoni ġodda permezz ta' reviżjoni u estensjoni tal-leġislazzjoni preżenti.

Ix-xogħol sabiex tiġbor is-somom prinċipali tal-kontijiet f'termini tal-parità tal-poter ta' l-akkwist għandu jitkompla. Ix-xogħol ta' reviżjoni fuq il-metodoloġija tal-parità tal-poter ta' l-akkwist biex iġġib riżultati aktar sodi għall-analiżi komparattiva, li beda taħt il-programm ta' ħames snin ta' qabel, għandu jintemm bl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill PPP.

L-istabbiliment ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja għandha implikazzjonijiet konsiderevoli għall-istatistiċi tal-bilanċ ta' pagamenti. Ta' importanza partikolari hawnhekk huma l-limiti ta' rappurtaġġ, li jekk jiġu mmodifikati kif hemm il-ħsieb, jeħtieġu xogħol sinifikanti ta' żvilupp biex jassiguraw li l-kwalità ta' din id-*data* tista' tinżamm. Ħafna mill-Istati Membri (speċjalment dawk fejn ir-rappurtaġġ tal-bank huwa l-egħjun prinċipali għall-programm tal-bilanċ ta' pagamenti) qed jirrevedu s-sistemi ta' ġbir tal-bilanċ ta' pagamenti biex ilaħħqu maċ-ċirkostanzi l-ġodda. Fis-snin li ġejjin se jitmexxa x-xogħol biex jassigura li l-Istati Membri jkomplu jipprovdu *data* ta' kwalità tajba u rilevanti għall-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-ECB, speċjalment fuq il-kummerċ fis-servizzi, investment barrani dirett, u statistiċi tal-kummerċ affiljati ma' barra. Il-ġbir (u l-analiżi) tad-*data* minn pajjiżi kandidati ikollhom ukoll il-prijorità. Din id-*data* hija mitluba minn numru ta'servizzi tal-Kummissjoni, speċjalment dawk li jirrelataw mal-monitoraġġ ekonomiku, il-politika tal-kummerċ u r-relazzjonijiet esterni.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu ta' ħames snin il-Kummissjoni tħabrek biex:

— issegwi l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' l-istatistiċi fl-istruttura tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-EMU għall-kondotta tal-kordinazzjoni tal-politika makroekonomika u l-politika monetarja, għall-Patt ta' l-Istabbiltà u t-Tkabbir u għall-istima kontinwa tal-konverġenza ekonomika,

— tintensifika l-implimentazzjoni tar-Regolament ESA 95,

— tirrevedi s-sistema ta' ġbir għall-istatistiċi tal-bilanċ ta' pagamenti.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi tax-xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU VII<br>IL-POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 32 Is-suq tax-xogħol<br>40 Kontijiet ekonomiċi ta' kull sena<br>41 Kontijiet ta' kull kwart tas-sena<br>42 Kontijiet finanzjarji<br>44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>52 Il-flus u l-finanzi<br>54 Il-kummerċ fis-servizzi u l-bilanċ ta' pagamenti<br>55 Il-prezzijiet<br>57 L-istatistiċi għall-analiżi taċ-ċiklu tal-kummerċ |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 53 Il-kummerċ fil-merkanzija |

([1]) ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 359/2002 (ĠU L 58, tat-28.2.2002, p. 1).

TITOLU VIII

**L-impjieg**

*L-implikazzjonijiet statistiċi*

L-iżvilupp ta' l-istatistiċi tax-xogħol ta' l-UE se jkun immexxi minn dawn il-proċessi politiċi li ġejjin: it-tkabbir ta' l-UE, l-istrateġija Ewropea ta' l-impieg, l-unjoni ekonomika u monetarja u l-eżerċizzju tal-*benchmarking* (b'indikaturi strutturali li jiġu ppreżentati ta' kull sena fir-rebbiegħa lill-Kunsill Ewropew).

L-istatistiċi tax-xogħol jaqgħu fil-parti l-kbira tagħhom taħt ir-regolamenti ta' l-UE. Bis-saħħa ta' dan il-pajjiżi kandidati jkunu għamlu passi importanti biex jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' l-UE qabel l-2003. Konformità sħiħa, it-trasmissjoni regolari ta' *data* u ż-żamma ma' l-iżviluppi l-ġodda se jkunu l-isfidi bejn l-2003 u l-2007.

Bl-iffissar ta' għanijiet ġodda tar-rata ta' l-impieg li jridu jintlaħqu fl-2005 u fl-2010, il-Kunsill Ewropew saħħaħ il-ħtieġa biex jagħmel stima ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija Ewropea ta' l-impieg u b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' kull sena tat-tmexxija ta' l-impieg. Din l-istima jkollha bżonn tirreġistra l-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ tal-forza kontinwa tax-xogħol u l-adattamenti tal-lista tal-fatturi varjabbli tagħha. L-istima teħtieġ statistiċi aktar frekwenti u kompluti biex tkejjel id-differenza bejn is-sessi (b'mod partikolari d-differenza fil-pagi fl-attivitajiet ekonomiċi kollha) u d-differenza fil-kapaċita. Dan jinvolvi statistiċi strutturali fuq il-qligħ u studji fuq l-implimentazzjoni ta' stħarriġ dwar il-postijiet vakanti ta' xogħol fil-Komunità.

F'żona kbira daqs l-EMU, it-tendenza ta' l-ispiża tax-xogħol potenzalment toffri l-aktar pressjoni ta' inflazzjoni u għalhekk trid tiġi osservata permezz ta' statistiċi mgħaġġla fuq perijodu qasir imma ta' kwalità għolja. L-implimentazzjoni tar-regolament ta' l-Indiċi ta' l-Ispiża tax-Xogħol u t-titjib kontinwu ta' l-istatistiċi ta' l-ispiża tax-xogħol fuq perijodu qasir huma ta' importanza enormi, kif ukoll titjib fil-kejl tal-produttività tax-xogħol (li jimplika sekwenza aħjar fuq il-volum tax-xogħol).

*Ġabra fil-qosor*

— l-implimentazzjoni ta' LFS kontinwa li tipprovdi riżultati kull kwart tas-sena fl-Istati Membri kollha,

— l-armonizzazzjoni ta' parti mill-kwestjonarji,

— ġbir/analiżi tar-riżultati ta' l-istħarriġ ta' l-istruttura tal-qligħ ta' l-2002,

— l-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ ta' l-ispiża tax-xogħol li jkopri l-NACE M-N-O,

— l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament tal-Kunsill fuq l-indiċi ta' l-ispiża tax-xogħol,

— l-implimentazzjoni ta' l-istruttura ta' l-2006 fuq l-istħarriġ tal-qligħ,

— l-ippjanar ta' sistema diretta għall-istatistiċi Ewropej ta' l-ispiża tax-xogħol.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU VIII<br>L-IMPJIEG | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 32 Is-suq tax-xogħol<br>33 L-edukazzjoni<br>35 Is-saħħa u s-sigurtà<br>36 Id-distribuzzjoni ta' dħul u kondizzjonijiet ta' għixien<br>37 Il-protezzjoni soċjali |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni<br>50 It-turiżmu<br>63 Statistiċi monetarji agrikoli |

TITOLU IX

**Politika kummerċjali komuni**

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-Artikolu 133 tat-Trattat jagħti r-responsabbilità lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel negozjati fuq ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi. Dan jinkludi ftehimiet tal-kummerċ fuq is-servizzi (GATS). Għal dan il-għan *data* ta' kwalità tajba hija essenzali.

Ix-xogħol li jsegwi fis-snin li ġejjin jassigura li d-*data* fuq il-kummerċ fis-servizzi bejn fruntiera u oħra (kemm ġeografikament u d-dettalji tal-komponenti varji), l-investiment barrani dirett, u l-kummerċ affiljat ma' barra iżommu l-livelli ta' kwalità, il-livell ta' dettall, u l-estent ta' armonizzazzjoni meħtieġa mis-servizzi tal-Kummissjoni li huma responsabbli mill-politika kummerċjali.

Id-*Doha Round*, imwaqqfa f'Novembru 2001, taħdem biex l-iżvilupp sostenibbli u l-impatt tal-politika kummerċjali komuni fuq il-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw isiru kwistjonijiet importanti. Hemm bżonn li jittieħed ukoll xogħol ta' kordinazzjoni fuq il-ġbir ta' *data* globali.

Il-ġbir u l-analiżi tad-*data* mill-pajjiżi kandidati ikollhom ukoll l-ewwel prijorità fis-snin li ġejjin. Se jittieħed ukoll ix-xogħol biex jikkordina aktar id-diskussjoni metodoloġika fost l-Istati Membri, minkejja l-fatt li parti sinifikanti mill-armonizzazzjoni diġa' ntlaħqet f'dan il-qasam. Il-ħidma ta' l-istatistiċi BOP tal-Komunità hija indispensabbli wkoll biex tinkiseb BOP komprensiva għall-UE.

Ix-xogħol fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli statistiċi jitkompla fi ħdan struttura metodoloġika li timxi aktar mar-rakkomandazzjonijiet adottati riċentement min-Nazzjonijiet Uniti. L-informazzjoni statistika tkun aħjar bl-użu aktar effiċjenti tal-kontenut tad-dikjarazzjoni tad-dwana u l-ħtiġiet li ġejjin mill-bidliet fl-Unjoni Ewropea u l-kummerċ internazzjonali (it-tkabbir, il-globalizzazzjoni, il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ) jittieħdu in konsiderazzjoni. Tittieħed azzjoni wkoll biex titjieb il-kredibbiltà tal-prezzijiet statistiċi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni sabiex tassigura kejl aħjar tal-kompettittività esterna tal-prodotti ta' l-Unjoni.

*Ġabra fil-qosor*
Sa l-aħħar tal-programm ta' ħames snin il-Kummissjoni tkun:

— integrat progressivament id-*data* tal-pajjiżi kandidati,

— adattat u tejbet is-sistemi ta' ġbir u produzzjoni ta' *data*,

— tejbet u żviluppat aħjar l-istruttura metodoloġika skond il-qies tar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali, ħtiġiet ġodda ta' informazzjoni u l-iżvilupp ta' l-ambjent ekonomiku u tad-dwana,

— għolliet il-valur tad-*data* eżistenti u l-analiżi fuq l-iżvilupp sostenibbli globali.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat,*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU IX<br>POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 53 Il-kummerċ fil-merkanzija<br>54 Il-kummerċ fis-servizzi u l-bilanċ ta' pagamenti |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 19 Koperazzjoni statistika mal-pajjiżi kandidati<br>21 Koperazzjoni statistika ma' pajjiżi terzi oħra<br>42 Kontijiet finanzjarji<br>52 Il-flus u l-finanzi |

TITOLU X

**Koperazzjoni Doganali**

L-ebda programm statistiku dirett mhu meħtieġ. Informazzjoni statistika għal dan it-titolu hija mnissla skond il-ħtieġa minn *data* u indikaturi ġġenerati għal titoli oħra fil-programm.

TITOLU XI

**Il-politika soċjali, l-edukazzjoni, t-taħriġ professjonali u ż-żgħażagħ**

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Matul dan il-programm għandha tiġi żviluppata strateġija ċara li tassigura d-disponibbilità ta' sekwenza sħiħa ta' indukaturi li jħaddnu l-oqsma kollha soċjali f'kordinazzjoni mill-qrib ma' l-azzjonijiet taħt it-Titolu VIII. Il-kwalità ta' l-informazzjoni eżistenti titjieb u jiġu mdaħħla indikaturi ġodda biex jilħqu żoni li ġew identifikati bħala prijorità, bħall-esklużjoni soċjali u t-tagħlim għal ħajtek kollha. Fil-kuntest tar-"rapport fuq l-għanijiet konkreti tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ" ratifikat mill-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma, irid ikun hemm koperazzjoni mill-qrib bejn id-DG EAC u l-Eurostat. B'żieda mal-kontinwazzjoni tax-xogħol statistiku fuq it-tliet prijoritajiet definiti għall-2002 (kapaċità bażika, teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni, xjenzi matematiċi u teknoloġija), l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet l-oħra jeħtieġu xogħol ġdid. Indikaturi li għalihom ma jeżistux *data*, jew li ma jilħqux il-kriterji ta' kwalità neċessarji imma li jkunu essenzali għall-għanijiet mixtieqa, jeħtieġ li jkunu żviluppati.

Ġeografikament l-iskop ta' l-istatistiċi soċjali jrid jinfirex biex jilħaq il-pajjiżi kandidati kollha u wkoll iż-żoni li jaqgħu barra l-konfini ta' l-Ewropa, bħall-pajjiżi MEDSTAT (Programm Ewro-Mediterranju tal-Koperazzjoni Statistika). Il-linja ta' dimarkazzjoni għal dan l-iżvilupp tkun id-*data* demografika; hekk kif ir-riżultati taċ-ċensiment ta' l-2001 jiġu pproċessati u ppubblikati, dan il-proċess jingħaqad mal-programm ta' aġġornament regolari u preparazzjoni għas-serje li jmiss, b'approċċ ta' armonizzazzjoni mifrux maż-żona ġeografika kollha ta' tkabbir kif deskritt aktar 'il fuq. Proġettazzjonijiet tal-popolazzjoni għaż-żona kollha jkunu meħtieġa wkoll fuq livell nazzjonali.

Matul dan il-programm, titjib fil-ġbir u l-iproċessar ta' *data* fl-aspett ta' mobbiltà internazzjonali f'edukazzjoni ogħla u fir-riċerka, jifformaw rwol ta' importanza partikolari. L-ewwel kompitu huwa li tarmonizza d-definizzjonijiet bażiċi u l-indikaturi aktar importanti.

It-tema ta' "tagħlim għal ħajtek kollha" tkun kruċjali matul dan il-perijodu, u tirrifletti l-fatt li l-bidliet ekonomiċi jeħtieġu li l-kapaċità soċjali u tas-sengħa jiġu aġġornati regolarment. Tkun meħtieġa sistema komprensiva ta' statistiċi "ta'tagħlim" biex isservi l-politika ta' l-impieg, ekonomika u edukattiva, b'attenzjoni speċjali lejn l-investiment pubbliku u privat fl-edukazzjoni. Il-medda kurrenti ta' informazzjoni fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ li tkun fornuta b'aktar *data* fuq l-edukazzjoni adulta.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2002 dwar strateġija ġdida fil-Komunità fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol teħtieġ l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-aħħar fażi ta' l-l-istatistiċi Ewropej fuq l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol (ESAW) u l-ewwel fażi ta' l-istatistiċi Ewropej fuq il-mard kkaġunat mix-xogħol (EODS). Indikaturi fuq il-kwalità tax-xogħol, problemi tas-saħħa relatati max-xogħol u l-ispejjeż soċjo-ekonomiċi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jiġu wkoll żviluppati.

Fil-kuntest ta' l-Artikolu 13 tat-Trattat u l-azzjoni biex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni, għandha titwaqqaf metodoloġija li tipprovdi statistiċi regolari dwar l-integrazzjoni ta' nies b'diżabbilità fis-soċjetà.

Bidliet soċjali sinifikanti, li ħafna minnhom diġà jidhru, mistennija li jkomplu matul il-perijodu tal-programm (per eżempju fil-piramida tal-popolazzjoni, l-istruttura tad-dar, it-tendenzi ta' l-emigrazzjoni, il-modi ta' xogħol, is-sistemi ta' edukazzjoni, eċċ.) u jkun hemm il-ħtieġa ta' il fuq. L-istatistiċi ta' l-UE fuq id-dħul u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (UE-SILC) ikunu bbażati fuq għażla wiesgħa ta' egħjuni u jaħdmu fuq l-esperjenzi miġbura tul l-1990 fl-implimentazzjoni ta' ħafna affarijiet ġodda fid-djar tal-Komunitajiet Ewropej. Dan jitqiegħed f'postu biex jipprovdi medda ta' informazzjoni fuq il-kondizzjonijiet ta' l-għixien taċ-ċittadini Ewropej matul il-perijodu ta' ħames snin u aktar 'il quddiem.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perjodu ta' ħames snin tal-programm il-Kummissjoni ser:

— tiżviluppa strateġija ċara li tassigura d-disponibbiltà ta' sett komplut ta' indikaturi li jilħqu l-oqsma soċjali kollha,

— tipprovdi informazzjoni regolari fuq il-kondizzjonijiet ta' l-għixien taċ-ċittadini permezz ta' indikaturi li għadhom kif ġew żviluppati,

— tipprovdi informazzjoni fuq il-kura u l-faċilitajiet li jiehdu ħsieb it-tfal.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat- Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XI<br>POLITIKA SOĊJALI, EDUKAZZ JONI, SEJĦA IT-TAĦRIĠ U Ż-ŻGĦAŻAGĦ | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 31 Il-popolazzjoni<br>32 Is-suq tax-xogħol<br>33 L-edukazzjoni<br>35 Is-saħħa u s-sigurtà<br>36 It-tqassim tad-dħul u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien<br>37 Il-protezzjoni soċjali<br>38 Xogħol ieħor fil-qasam demografiku u soċjali<br>Statistiċi (statistiċi fuq is-sistemazzjoni fid-djar)<br>72 Statistiċi reġjonali |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 70 L-iżvilupp sostenibbli |

TITOLU XII

## Il-kultura

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-attività fil-Komunità fil-qasam kulturali hija bbażata fuq l-Artikolu 151 tat-Trattat. Tagħlim aħjar u t-tixrid ta' l-informazzjoni fuq aspetti kulturali importanti ta' l-Ewropej jifformaw element prinċipali fil-kompetenzi tal-Komunità f'dan il-qasam. B'żieda ma' dan, ġie stipulat b'mod ċar li l-Komunità għandha tqis l-aspetti kulturali fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tagħha b'mod ġenerali.

Fl-istruttura tal-programm statistiku tal-Komunità ta' bejn l-2003 u l-2007, il-prijorità għall-istatistiċi kulturali tkun li tikkonsolida x-xogħol ta' stħarriġ fuq il-kultura ta' l-impieg, tipparteċipa f'attivitajiet kulturali u taħdem statistiċi fuq in-nefqa tal-kultura. Fl-istess ħin u b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, il-programm statistiku jappoġġja xogħol metodoloġiku u l-żvilupp ta' l-istatistiċi relatati mal-kwistjoni tal-profitti mill-investiment fil-kultura. Tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' metodoloġiji internazzjonali li jippermettu l-kejl statistiku u l-analiżi ta' l-impatt li l-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali jista' jkollha fis-sehem tagħha f'miri soċjali bħal żieda fil-livelli ta' edukazzjoni u r-rati ta' l-impieg u tnaqqis fil-kriminalità u nuqqas ta' ugwaljanza fil-qasam tas-saħħa.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu tal-programm ta' ħames snin il-Kummissjoni ser:

— tikkonsolida l-informazzjoni statistika eżistenti fuq il-kultura,

— tiżviluppa u timplimenta metodoloġiji biex tkejjel l-impatti kulturali fis-soċjetà.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XII<br>IL-KULTURA | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 34 Il-kultura |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni |

TITOLU XIII

## Is-saħħa pubblika

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Skond l-Artikolu 152 tat-Trattat, l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tas-saħħa pubblika tkopri wkoll l-informazzjoni dwar is-saħħa. Struttura bażika ta' statistiċi fuq is-saħħa pubblika, li tkopri l-istatut tas-saħħa, fatturi determinanti tas-saħħa u riżorsi tas-saħħa ġiet imwaqqfa fi ħdan is-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea b'appoġġ għall-programm ta' azzjoni tal-Komunità fuq is-saħħa pubblika. L-addozzjoni tal-programm il-ġdid ta' azzjoni tal-Komunità dwar is-Saħħa Pubblika ([1]), l-element statistiku ta' informazzjoni tas-saħħa jiġi żviluppat aktar fil-kuntest tal-Programm Statistiku tal-Komunità, inkluża s-separazzjoni tad-*data* miġbura, skond il-bżonn, jiġifieri skond is-sess, l-età, il-lokalità ġeografika u, fejn disponibbli, il-livell tal-paga. Bejn l-2003 u l-2007, ikomplu l-attivitajiet fuq żvilupp aktar 'il quddiem tas-sett ta' l-istatistiċi tas-saħħa sabiex jirrispondu għall-ħtiġiet speċifiċi li jirriżultaw mill-programm il-ġdid ta' azzjoni dwar is-saħħa pubblika. Il-ħtieġa partikolari għall-indikaturi ta' l-iżvilupp sostenibbli trid tiġi indirizzata.

L-enfasi ġenerali għandha tkun fuq it-tisħiħ ta' l-infrastruttura għas-sistema bażika ta' l-istatistiċi tas-saħħa pubblika (fuq livell ta' l-Istat Membru u fuq livell ta' l-UE), fuq l-armonizzazzjoni u t-titjib fil-komparabbiltà tad-data eżistenti b'koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tas-saħħa pubblika (WHO u OECD).

([1]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-istrateġija tas-saħħa tal-Komunitajiet Ewropej u proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jadottaw programm ta' azzjoni fil-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika (2001 sa 2006) - COM(2000)285 finali tas-16 ta' Mejju 2000.

Sabiex tiggarantixxi l-konsistenza u l-komplementarjetà, tiġi esegwita azzjoni speċifika taħt dan il-programm li tassigura li l-kunċetti bażiċi, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjoni fuq l-istatistiċi tas-saħħa jintużaw għas-settur kolllu ta' l-informazzjoni tas-saħħa.

Skond il-ftehimiet rilevanti mal-pajjiżi konċernati, l-iskop ta' l-istatistiċi fuq is-saħħa pubblika jiġi estiż progressivament biex jilħaq il-pajjiżi kandidati kollha.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu tal-programm ta' ħames snin il-Kummissjoni se:

— tiżviluppa aktar is-sett ta' l-istatistiċi tas-saħħa biex tkun tista' tlaħħaq mal-ħtiġiet speċifiċi li jistgħu jirriżultaw mill-programm ta' azzjoni fuq is-saħħa pubblika,

— issaħħaħ l-infrastruttura għas-sistema bażika ta' l-istatistiċi tas-saħħa pubblika.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XIII<br>IS-SAĦĦA PUBBLIKA | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 35 Is-saħħa u s-sigurtà<br>37 Il-protezzjoni soċjali |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 39 Il-protezzjoni tal-konsumatur<br>70 L-iżvilupp sostenibbli |

TITOLU XIV

## Il-protezzjoni tal-konsumatur

*L-implikazzjonijiet statistiċi*

Il-politika tal-konsumatur laħqet profil aktar għoli fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-KE fis-snin riċenti (l-Artikolu 153 tat-Trattat).

Il-Kummissjoni waqqfet Pjan ta' Azzjoni għall-Politika tal-Konsumatur 1999 sa l-2001 li se jkun segwit b'attivitajiet favur il-konsumatur. Il-Pjan ta' Azzjoni preżenti, kif ukoll dawk ta' qablu, kienu żvantaġġati mid-disponibbilità limitata ta' *data* meħtieġa biex twassal għal ġudizzju informattiv. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Politika tal-Konsumatur 2002 sa l-2005 qed jiġi mħejji preżentement. Dan se jenfasiżża l-ħtieġa għall-sforz aktar sistematiku u komprensiv sabiex jiżviluppa "bażi ta tagħrif" adattat bħala għodda essenzali biex tgħin fl-iżvilupp tal-politika.

Il-għan ta' l-isforzi ta' l-Eurostat f'dan il-qasam huwa li jipprovdi *data* ta' l-istatistika ta' interess ġenerali għall-pubbliku biex jixħet dawl fuq il-kwistjonijiet tal-konsum u tal-konsumatur fuq livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu tal-programm ta' ħames snin il-Kummissjoni se:

— tagħmel l-istatistiċi għall-protezzjoni tal-konsumatur disponibbli f'format aktar utent-bonarju, b'mod partikolari l-pubblikazzjonijiet,

— issegwi l-appoġġ metodoloġiku relatat ma' mard fid-dar,

— tagħmel in-nies aktar konxji mis-suġġett tal-protezzjoni tal-konsumatur fit-temi kollha ta' xogħol ta' rilevanza statistika,

— tassigura li l-aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur jitqiesu għall-politika l-ġdida ta' l-istatistika,

— tippromwovi l-iżvilupp ta' l-istatistiċi għall-protezzjoni tal-konsumatur fis-servizzi ta' l-istatistika fl-Istati Membri.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XIV<br>IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 36 Id-distribuzzjoni tad-dħul tal-flus u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien<br>39 Il-protezzjoni tal-konsumatur |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 61 L-użu ta' l-art u tal-pajsaġġ<br>64 Il-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba<br>65 Il-produzzjoni ta' l-annimali<br>66 L-istatistiċi agro-industrijali<br>69 L-istatistiċi tas-sajd<br>70 L-iżvilupp sostenibbli |

TITOLU XV

**Ir-rettikolat trans-Ewropew**

L-ebda programm statistiku dirett mhu meħtieġ. L-informazzjoni statistika għal dan it-titolu hija mnissla skond il-ħtieġa minn *data* u indikaturi ġġenerati għal titoli oħra fil-programm.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XV<br>IR-RETTIKOLAT TRANS-EWROPEW | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 48 It-trasport<br>49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 45 L-enerġija<br>53 Il-kummerċ fil-merkanzija<br>61 L-użu ta' l-art u l-pajsaġġ<br>71 L-istatistiċi ambjentali<br>72 L-istatistiċi reġjonali<br>73 Ix-xjenza u t-teknoloġija<br>74 Informazzjoni ġeografika u lokali |

TITOLU XVI

**L-industrija**

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Ix-xogħol statistiku fil-qasam ta' l-industrija fis-sens wiesa' tal-kelma (inklużi, b'mod partikolari, il-kostruzzjoni, is-servizzi, l-enerġija u l-ikel agrikolu) ikun iċċentrat fuq l-appoġġ għall-politika deċiża fuq il-bażi tat-Trattat ta' Amsterdam, u f'diversi taħditiet li ġraw wara (b'mod partikolari, is-Summit ta' Lisbona ta' Marzu tas-sena 2000). Dawn l-iżviluppi huma ppjanati partikolarment għall-oqsma ta' globalizzazzjoni, organizzazzjoni interna u esterna ta' kummerċ (u b'mod ġenerali, is-sistema tal-produzzjoni) kif ukoll koperazzjoni bejn in-negozji, il-kuraġġ ta' l-intrapriża u l-awtorità, id-domanda, u fl-aħħarnett l-impieg u r-riżorsi umani.

L-ewwel prijorità tkun l-implimentazzjoni tar-regolamenti differenti fuq l-istatistiċi tal-kummerċ. Tingħata enfasi partikolari lill-kwalità ta' dawn ir-riżultati.

Biex jiġu segwiti l-bidliet strutturali fl-industrija, irid jinħoloq programm għall-iżvilupp ta' l-istatistiċi tal-kummerċ b'koperazzjoni mill-qrib mas-sistemi nazzjonali ta' l-istatistika. Dan l-iżvilupp ikopri l-adattamenti tar-regolamenti eżistenti, kif ukoll l-appoġġ għall-politika prinċipali Ewropea, b'mod partikolari, is-suq komuni, it-tkabbir, il-politika ekonomika u monetarja, is-soċjetà ta' l-informazzjoni, l-impieg, kif ukoll l-appoġġ għall-indikaturi strutturali li jaqgħu taħt ir-rapport ta' kull sena ta' l-Unjoni.

L-Eurostat tistudja ma' l-Istati Membri l-possibilitajiet għar-razzjonalizzazzjoni massima tal-metodi nazzjonali ta' ġbir kif ukoll il-kordinazzjoni tagħhom biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż fuq l-intrapriżi. Jiġi magħmul sforz speċjali biex titjieb l-analiżi tas-suq komuni permezz ta' mezzi eżistenti ta' l-istatistika jew oħrajn li għad iridu jiġu żviluppati, u b'mod partikolari l-*Prodcom* (u żviluppi simili fil-qasam tas-servizzi).

*L-enerġija*

Fil-qasam ta' l-istatistiċi ta' l-enerġija, ix-xogħol jikkonsisti fit-titjib fil-kwalità tal-bilanċi ta' l-enerġija, speċjalment fil-qasam tal-konsum, sabiex jirrispondi aħjar għall-ħtiġiet li ġejjin mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' l-emmissjonijiet GHG. Is-sistema preżenti tiġi estiża sabiex tirrispondi aħjar għall-kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli (l-effiċjenza ta' l-enerġija, il-koġenerazzjoni, materji li jistgħu jiġġeddu), u l-effettività tal-kompetizzjoni fis-swieq liberalizzati u l-impatt tagħha fuq il-konsumaturi u l-industrija ta' l-enerġija jiġu segwiti.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perijodu tal-programm ta' ħames snin ix-xogħol ikompli fl-oqsma li ġejjin:

— titjieb is-sistema għall-iżvilupp ta' l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ, bbażati fuq il-ħtiġiet politiċi u b'kapaċità ta' reazzjoni malajr għall-fatturi li jinbidlu bħall-ambjent, il-politika u l-utenti,

— tħabrek għaż-żamma ta' l-infrastruttura meħtieġa bħal Reġistri u Klassifikazzjoni tal-Kummerċ,

— tiffoka fuq l-istima tal-kwalità u t-titjib tad-*data* prodotta.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XVI<br>L-INDUSTRIJA | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża |
| | 45 L-enerġija |
| | 66 Statistiċi agro-industrijali |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni |
| | 51 Ir-reġistri tal-kummerċ |
| | 53 Il-kummerċ fil-merkanzija |
| | 70 L-iżvilupp sostenibbli |
| | 71 Statistiċi ta' l-ambjent |

## TITOLU XVII

## Il-koeżjoni ekonomika u soċjali

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Wieħed mill-elementi prinċipali tal-bini ta' l-Unjoni Ewropea huwa l-korrezzjoni ta' l-iskwilibrju soċjali u reġjonali. Dan huwa, tassew, l-għan primarju tal-Fondi Strutturali. Mir-riforma tagħhom fl-1988, il-Kummissjoni allokat politika integrata għall-koeżjoni ekonomika u soċjali li fiha l-istatistiċi reġjonali għandhom rwol essenzali fil-proċess ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni: l-eliġibilità taż-żoni taħt l-għanijiet reġjonali hija definita fuq il-bażi tal-kriterji soċjo-ekonomiċi b'rispett għal ċerti limiti; allokazzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri jiġu deċiżi oġġettivament fuq il-bażi ta' l-indikaturi statistiċi. B'żieda ma' dan, l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-politika tal-Komunità fuq livell reġjonali, u l-kwantifikazzjoni tad-disparità reġjonali, huma possibbli biss b'aċċess għall-istatistiċi estensivi bbażati reġjonalment.

Ir-rapporti regolari ta' l-evalwazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni (Rapport fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali ([1]) fuq it-tendenzi soċjo-ekonomiċi fir-reġjuni jeħtieġu riserva sinifikanti ta' informazzjoni statistika. Kwistjonijiet urbani jixirqilhom attenzjoni partikolari, minħabba l-fatt li l-politiċi li jieħdu d-deċiżjonijiet qiegħdin dejjem aktar isostnu għal evalwazzjoni tal-kwalità ta' ħajja fil-bliet Ewropej. Bħala bażi għall-azzjoni tagħhom fil-futur, għandhom bżonn ta' *data* komparabbli fuq l-ibliet u l-irħula kollha ta' l-UE. Il-Komunikazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-1997 (Lejn aġenda urbana fl-Unjoni Ewropea) u fl-1998 (Żvilupp urban sostenibbli fl-Unjoni Ewropea: struttura ta' azzjoni) ġibdu l-attenzjoni l-aktar fuq il-ħtieġa għal aktar informazzjoni komparabbli.

Ix-xogħol li għandu jittieħed taħt il-programm statistiku ta' bejn l-2003 u l-2007għandu jkun determinat, fil-parti l-kbira tiegħu, mill-forma tal-politika reġjonali tal-Komunità fi ħdan Unjoni Ewropea mkabbra, u bil-wasla tal-perijodu tal-programm il-ġdid għall-Fondi Strutturali. It-tielet Rapport ta' Koeżjoni huwa programmat biex jiġi adottat mill-Kummissjoni fil-bidu ta' l-2004, filwaqt li l-konklużjonijiet tiegħu għandhom jiġu implimentati (bħala abbozzi ta' Regolamenti) matul il-bqija ta' dik is-sena. L-informazzjoni meħtieġa tinkludi proġettazzjonijiet tal-popolazzjoni fuq livell reġjonali u *data* fuq demografija reġjonali.

---

([1]) Ara "Unità, solidarjetà, diversità għall-Ewropa, in-nies tagħha u t-territorju tagħha"; it-Tieni rapport fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali, il-Kummissjoni Ewropea, Jannar 2001.

*Informazzjoni ġeografika*

Numru kbir ta' dipartimenti fi ħdan il-Kummissjoni jużaw is-sistemi ta' l-informazzjoni ġeografika għall-abbozzar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika li għaliha huma responsabbli. Din it-tendenza issir aktar evidenti fil-ftit snin li ġejjin hekk kif l-avvanzi fit-teknoloġija u d-*data* ikunu disponibbli b'mod aktar estensiv. L-inizjattivi fuq l-infrastruttura tad-*data* wiesgħa Ewropea twassal għal sfidi ġodda f'dan il-qasam. L-Eurostat, bħala kap tal-bażi tad-*data* ta' riferenza tal-Kummissjoni, trid tilħaq dawn l-isfidi.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-ħames snin ix-xogħol se jimxi 'l quddiem fl-oqsma li ġejjin:

— jimplimenta l-indikaturi ta' l-istatistiċi meħtieġa għall-fażi tal-fondi strutturali li jmiss,

— jipprovdi d-*data* meħtieġa għar-rapport ta' koeżjoni u jappoġġa l-proposti tal-Kummissjoni għall-fondi strutturali wara l-2006,

— jintegra aktar l-użu ta' sistemi ta' l-Informazzjoni Ġeografika għall-amministrazzjoni tal-politika.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLUXVII<br>KOEŻJONI EKONOMIKA U SOĊJALI | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 55 Il-prezzijiet<br>72 Statistiċi reġjonali<br>74 Informazzjoni ġeografika u lokali |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 31 Il-popolazzjoni<br>32 Is-suq tax-xogħol<br>40 Kontijiet ekonomiċi ta' kull sena<br>44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>50 It-turiżmu<br>63 Statistiċi monetarji dwar l-agrikoltura<br>71 Statistiċi ambjentali |

TITOLU XVIII

## Żvilupp ta' riċerka u teknoloġija

### *Statistiċi tax-xjenza u tat-teknoloġija u ta' l-innovazzjoni*

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-għan ġenerali tal-politika tal-Komunità ta' l-RTD huwa li jsaħħaħ il-bażi xjentifika u t-teknoloġika ta' l-ekonomija Ewropea u li jtejjeb il-kompetittività tagħha fuq livell internazzjonali. Fis-Summit ta' Lisbona tas-sena 2000, il-Kunsill Ewropew fassal pjan ċar u strateġiku għall-Ewropa għall-għaxar snin li ġejjin. Il-kejl tad-dħul armonizzat, tal-produzzjoni u ta' l-impatti soċjo-ekonomiċi ta' l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien ikompli bi prijorità għolja fuq l-aġenda ta' riċerka Ewropea kif jixhed id-dibattitu fil-qasam ta' riċerka Ewropea.

Kull politika riċenti ta' Innovazzjoni u ta' R&D kellha bżonn ta' *data* armonizzata u f'waqtha, li l-kollezzjoni tagħha trid tiġi negozjata ma' l-Istati Membri u kordinata mill-Eurostat. Aġġornamenti ta' kull sena ta' l-indikaturi għaż-żewġ inizzjattivi jeħtieġu stħarriġ aktar frekwenti fl-Istati Membri, kif ukoll titjib fil-kwalità. Il-kapaċità li tipproduċi l-istatistiċi fuq ir-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija u skond is-sess iridu jiġu żviluppati sabiex joffru lill-politiċi d-*data* meħtieġa biex jagħmlu stima ta' l-effettività tal-politika relatata tal-Komunità.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-ħames snin li ġejjin, l-isforzi prinċipali li se jsiru huma dawn:

— itejbu l-kwalità ta' l-indikaturi eżistenti u jkomplu x-xogħol konċettwali li jwassal għall-produzzjoni u l-iżvilupp aktar 'il quddiem ta' l-indikaturi l-ġodda biex jagħtu linja ta' referenza lill-politika nazzjonali ta' Innovazzjoni u Riċerka, u b'mod partikolari, biez iqisu r-riżorsi umani u l-mobilità tagħhom fir-riċerka u fl-iżvilupp,

— jiżviluppaw aktar l-istatistiċi fuq l-RTD u l-innovazzjoni fil-kuntest ta' Żona ta' Riċerka Ewropea u, b'mod partikolari, jiżviluppaw struttura teoretika għall-statistiċi ta' innovazzjoni u RTD aktar frekwenti,

— jiżviluppaw struttura ġenerali għall-qies tas-soċjetà ta' l-informazzjoni,

— ikejlu t-tendenzi teknoloġiċi permezz ta' statistiċi armonizzati fuq patenti,

— jassoċjaw il-pajjiżi kandidati fl-istruttura ġenerali ta' l-iżvilupp ta' l-istatistiċi armonizzati u komparabbli ta' l-innovazzjoni u l-RTD.

***Ir-riċerka fl-istatistiċi***

*Implikazzjonijiet statistiċi*

Bħala parti mill-politika ta' l-R&D, il-Komunità tippromwovi attivitajiet ta' riċerka, li jappoġġjaw il-politika proprja tagħha. Statistiċi uffiċjali ġew identifikati f'diversi programmi ta' struttura (inklużi l-abbozzi ta' dokumenti għas-Sitt Programm ta' Struttura) bħala żona fejn l-attivitajiet ta' l-R&D jinħarġu fuq livell ta' Komunità.

Iż-żieda fl-użu ta' l-istatistiċi għal deċiżjonijiet politiċi fl-aħħar tas-snin 1990 wasslet għal domanda ta' statistiċi aktar preċiżi u komparabbli, b'mod partikolari għall-indikaturi fuq terminu qasir biex jistudjaw l-evoluzzjoni tas-Suq Komuni Ewropew u l-Unjoni Monetarja. It-tkabbir previst ta' l-Unjoni Ewropea isaħħaħ din il-ħtieġa għall-aċċess immeddjat għal informazzjoni bħal din.

Bl-istess mod, it-teknoloġija tipprovdi possibilitajiet ġodda għall-ġbir ta' data u t-tixrid ta' l-istatistiċi. Fl-istess ħin, dawk li jwieġbu (l-intrapriżi u l-individwali) jilmentaw fuq il-piż tar-rispons u jitolbu li dan jiġi mnaqqas, permezz ta' sistemi aktar awtomatiċi u użu aħjar ta' l-informazzjoni eżistenti. R& D fl-istatistiċi għandha dimensjoni importanti Ewropea, għaliex il-produzzjoni ta' l-istatistika hija internazzjonali min-natura tagħha peress li ftit biss mill-Istati Membri felħu jħallsu waħedhom. Flimkien ma' l-enfasi dejjem akbar fuq l-analiżi bejn in-nefqa u l-benefiċċju fl-istatistiċi prodotti, dan jimplika ħtiġiet ġodda għall-produzzjoni ta' l-istatistiċi Ewropej. Esperti uffiċjali ta' l-istatistika Ewropej għandhom għalhekk jerġgħu jikkonsidraw il-proċeduri li qed jintużaw illum għall-ġbir u l-kumpilazzjoni ta' statistiċi fuq medda dejjem usa ta' fenomeni.

Dawn il-ħtiġiet isostnu l-importanza fl-użu ta' l-egħjuni tad-*data* eżistenti għall-produzzjoni ta' statistiċi li jservu għal analiżi statistika aktar fil-fond. Dan ifisser li l-metodi u l-għodod li jappoġġjaw l-użu flimkien tad-*data* (minn, per eżempju, *data* amministrattiva u kampjuni ta' stħarriġ, jew statistiċi infra-annwali u statistiċi strutturali) għandhom jiġu żviluppati.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-ħames snin li ġejjin, l-isforzi jikkonċentraw fuq:

— l-iżvilupp ta' għodod u metodi ġodda għall-statistiċi uffiċjali,

— konċettwalizzazzjoni u żvilupp aħjar ta' l-istatistiċi biex jitkejlu fenomeni soċjo-ekonomiċi ġodda li għadhom ħerġin,

— it-trasferiment ta' teknoloġija u għarfien fi ħdan is-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea,

— it-titjib fil-kwalità tal-proċess tal-produzzjoni ta' l-istatistika u l-produzzjoni statistika nnifisha.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XVIII<br>ŻVILUPP TA' RIĊERKA U TEKNOLOĠIKU | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 22 Riċerka u metodoloġija ta' l-istatistika<br>73 Ix-xjenza u t-teknoloġija |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni |

## TITOLU XIX
## L-ambjent

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-għan prinċipali ta' l-istatistiċi ambjentali huwa li jservu bħala għodda effiċjenti għall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika ta' l-Ambjent ta' l-Unjoni Ewropea. Il-prijoritajiet prinċipali ta' l-ambjent jaqgħu taħt is-Sitt Programm ta' Azzjoni ta' l-Ambjent, l-istrateġija ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-istrateġija ta' Cardiff li titkellem dwar l-integrazzjoni ta' l-ambjent f'politiki settorjali oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għas-sitt programm ta' azzjoni ta' l-ambjent "Ambjent 2010: Il-futur tagħna, l-għażla tagħna", tindika l-oqsma ta' prijorità għall-istatistċi ta' l-ambjent. Il-programm il-ġdid jidentifika erba' oqsma prinċipali tal-politika: tibdil fil-klima, in-natura u l-biodiversità, l-ambjent u s-saħħa u l-kwalità ta' ħajja, ir-riżorsi naturali u l-iskart. Tenfasizza l-ħtieġa li tkompli l-proċess ta' integrazzjoni tal-kwistjonijiet ambjentali fl-oqsma kollha rilevanti tal-politika u tassigura informazzjoni fuq l-ambjent aħjar u aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini. Għandha tiġi żviluppata wkoll attitudni ta' kuxjenza favur l-ambjent fl-użu ta' l-art.

Il-Kunsill Ewropew ta' Gotenburgu f'Ġunju ta' l-2001 adotta strateġija għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-UE. L-istrateġija hija bbażata fuq erba' temi (it-tibdil fil-klima, it-trasport, is-saħħa u r-riżorsi naturali) u tiġi osservata fuq bażi annwali. L-istrateġija tinfluwenza ħafna l-ħtiġiet għall-istatistiċi relatati ma' l-ambjent, imma l-aspett ta' sostenibbilità jkollu wkoll l-impatti fuq l-istatistiċi soċjali u ekonomiċi. L-Iżvilupp sostenibbli se jiġi nkluż fil-lista ta' indikaturi strutturali għar-rapport ta' sinteżi, sabiex jitkejjel il-progress, u se jkun ippreżentat kull sena fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, sa mill-2002.

Il-Kunsill ta' Gotenburgu sejjaħ ukoll għall-strateġija fuq id-dimensjoni esterna ta' l-iżvilupp sostenibbli u huwa mistenni li tiġi adottata aġenda ġenerali fil-ħsieb tas-Summit Dinji tal-Ġnus Magħquda fuq l-Iżvilupp Sostenibbli.

Għall-parti ambjentali tal-programm statistiku, il-programm ta' azzjoni u l-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli jimplikaw li l-oqsma preżenti ta' xogħolijiet għandhom jitkomplew, imma wkoll li dawn għandhom jiġu estiżi u adattati. L-orjentazzjoni prinċipali tal-programm statistiku tkompli tiffoka fuq l-istatistiċi b'rabta mill-qrib ma' l-istatistiċi soċjo-ekonomiċi, bħal pressjoni fuq l-ambjent minn attivitajiet tal-bnedmin u rispons mir-rappreżentanti tas-soċjetà. Il-kapaċità ta' l-istatistiċi biex jiddeskrivu l-azzjoni reċiproka bejn l-iżvilupp soċjali, ekonomiku u ambjentali teħtieġ aktar xogħol. Il-programm ġie maħdum biex jilħaq il-ħtiġiet ta' l-istatistiċi flimkien ma' l-informazzjoni mill-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent u l-oqsma ta' xogħolijiet ikomplu jikkomplementaw dan il-programm.

Fattur kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli huwa l-integrazzjoni ta' l-aspetti ambjentali f'politika oħra, imma l-aktar progress intlaħaq fi tlieta biss mid-disa' setturi (it-Trasport, l-Agrikoltura u l-Enerġija). Se jitkompla x-xogħol fuq l-armonizzazzjoni kompluta tal-komponent ambjentali ta' l-istatistiċi tal-Komunità flimkien ma' l-istatistiċi soċjo-ekonomiċi rilevanti sabiex iservu ta' għodda għal din il-politika ta' integrazzjoni. Sar progress sostanzjali f'dawn l-aħħar snin fir-rigward tal-kompilazzjoni ta' ċerti statistiċi rilevanti. Azzjoni korrispondenti tkun essenzali wkoll f'oqsma oħra tal-politika. Għandha tingħata wkoll impotanza maġġuri lill-indikaturi tal-biodiversità, lill-kimiċi ta' użu ta' riżorsi/intensi u tossiċi kif ukoll l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem. L-istatistiċi ta' l-użu ta' l-art qed ikunu aħjar permezz ta' l-istatistiċi tal-pajsaġġ. L-istatistiċi tas-sajd se jkunu importanti biex juru l-iżvilupp ta' din ir-riżorsa skarsa (Ara Titolu II). Indikaturi magħqudin permezz ta' l-istatistiċi tal-produzzjoni u tal-kummerċ kif ukoll egħjuni oħrajn jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom fid-deskrizzjoni tad-dipendenza tas-soċjetà fuq il-kimiċi. Għandu jiżdied komponent ambjentali ma' l-istatistiċi soċjali biex jirrifletti l-modi ta' konsum u l-effetti possibbli tas-saħħa mit-tniġġis u l-użu tal-kimiċi.

L-implimentazzjoni tar-Regolament ta' l-istatistiċi ta' l-iskart huwa kompitu essenzali. Politiki ġodda li jgħaqqdu l-iskart ma' l-amministrazzjoni tar-riżorsi jeħtieġu wkoll azzjonijiet statistiċi biex jiddeskrivu l-fluss tal-materjal, l-użu tar-riżorsi, l-iskart, ir-reċiklaġġ u l-eko-effiċjenza b'mod konsistenti. L-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' l-Istruttura ta' l-Ilma teħtieġ appoġġ statistiku u armonizzazzjoni aħjar ta' l-istatistiċi ta' l-ilma. Hija essenzali fondazzjoni legali aħjar għal dawn l-istatistiċi. L-appoġġ statistiku għall-implimentazzjoni tad-direttiva ta' l-IPPC (tniġġis integrat u kontroll ta' prevenzjoni) ikun importanti biex jassigura l-komparabbilità ma' l-istatistiċi tal-kummerċ. Kompitu essenzali jinkludi r-reviżjoni ta' l-obbligazzjonijiet tar-rappurtaġġ u l-kordinazzjoni bejn ir-rappurtaġġ ta' l-istatistika u dak tal-konformità.

Ġew żviluppati wkoll il-kontijiet ta' l-ambjent b'konnessjoni mal-kontijiet nazzjonali. Dawn il-kontijiet jikkostitwixxu bażi essenzali għall-analiżi ta' l-ambjent u l-iżvilupp ta' mudelli aktar komprensivi għall-azzjoni reċiproka bejn l-ekonomija u l-ambjent. Dawn ikunu aktar adattati u estiżi biex iservu ta' għodda essenzali ta' l-istatistika fl-analiżi ta' l-iżvilupp sostenibbli.

*Ġabra fil-qosor*

L-isforz prinċipali fil-ħames snin li ġejjin se jkun li:

— jitjiebu l-istatistiċi ċentrali ta' l-ambjent, l-aktar l-istatistiċi tan-nefqa fuq l-iskart, l-ilma u l-ambjent, b'punt fokali fuq l-istatistiċi meħtieġa għall-indikaturi ta' l-ambjent u titqiegħed f'postha l-leġislazzjoni meħtieġa għal dawn l-istatistiċi,

— jiġu prodotti indikaturi ambjentali u ta' sostenibbilità li jinftiehmu malajr b'koperazzjoni ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent,

— jitkompla x-xogħol biex jipproduċi komponent ambjentali għall-istatistiċi soċjo-ekonomiċi, bil-għan li jirrispondi għall-ħtiġiet relatati ma' l-indikaturi għall-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ambjentali u ta' sostenibbilità f'politika oħra,

— jitkompla x-xogħol biex jiżdied dominju ambjentali mal-kontijiet nazzjonali, permezz ta' produzzjoni regolari ta' kontijiet ta' l-ambjent u l-adattazzjoni tagħhom mal-kwistjonijiet ta' prijorità ta' sostenibbilità,

— jipparteċipa fir-reviżjoni ta' l-obbligazzjoni tar-rappurtaġġ u jkompli fuq il-koperazzjoni mill-qrib ma' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent permezz ta' azzjonijiet kordinati u billi jagħmel il-ġbir ta' data miż-żewġ istituzzjonijiet komplementarji,

— jgħolli l-valur tal-ġbir u l-analiżi tad-*data* fuq l-iżvilupp globali sostenibbli.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XIX<br>L-AMBJENT | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din Iż-żona politika | 45 L-enerġija<br>65 Il-produzzjoni ta' l-annimali<br>70 L-iżvilupp sostenibbli<br>71 L-istatistiċi ambjentali<br>74 Informazzjoni ġeografika u lokali |
| Temi oħra importanti li jikkontribwixxu | 35 Is-saħħa u s-sigurtà<br>39 Il-protezzjoni tal-konsumatur<br>44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża<br>48 It-trasport<br>50 It-turiżmu<br>61 L-użu ta' l-art u l-pajsaġġ<br>62 Strutturi ta' l-agrikoltura<br>64 Il-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba<br>67 Il-kordinazzjoni u r-riforma ta' l-istatistiċi agrikoli<br>68 L-istatistiċi tal-foresti<br>69 L-istatistiċi tas-sajd<br>72 L-istatistiċi reġjonali |

## TITOLU XX

## Il-Koperazzjoni ta' l-iżvilupp (u azzjonijiet oħra esterni)

*Implikazzjonijiet statistiċi*

L-għan prinċipali huwa li jappoġġja l-politika tar-relazzjonijiet esterni ta' l-UE billi jipprovdi assistenza teknika, xierqa u ffokata fl-istatistika sabiex issaħħaħ il-kapaċità ta' l-istatistika fil-pajjiżi li qed igawdu mill-għajnuna ta' l-UE. L-istrateġija tal-futur, madankollu, tagħraf il-ħtieġa li tadatta skond ir-rispons fil-kuntest tal-politika ta' l-UE li dejjem qed jinbidel.

Tirrifletti l-politika ta' l-UE fl-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' l-istatistika

Il-bidla l-aktar sinifikanti fil-politika hija l-punt kruċjali akbar u espliċitu fuq it-tnaqqis tal-povertà fil-politika ta' l-iżvilupp ta' l-KE, b'mod partikolari mal-pajjiżi ACP. Bħala riżultat ta' dan, il-koperazzjoni fl-istatistika jkollha fokus akbar fuq it-tisħiħ tal-kejl u l-monitoraġġ tal-povertà: dan iġib miegħu żieda fl-attivitajiet prinċipalment fil-qasam ta' l-istatistika soċjali. Bl-istess mod, jiġu provduti pariri tekniċi u appoġġ lill-iżvilupp tad-DG, lir-relazzjonijiet esterni tad-DG, u lill-*Europeaid* fil-qasam tal-kejl ta' l-impatt tal-povertà fil-programm ta' l-iżvilupp ta' l-KE.

L-integrazzjoni reġjonali tkun enfasi kontinwa tal-programm, billi tirrifletti ż-żieda fiċ-ċaqliq bejn il-pajjiżi nfushom biex isaħħu l-istrutturi reġjonali tagħhom. Oqsma li għandhom bżonn l-appoġġ jinkludu s-sorveljanza multilaterali, titjib fil-kontijiet nazzjonali, statistiċi tal-prezzijiet, statistiċi ta' l-agrikoltura, il-kummerċ barrani, statistiċi tal-kummerċ u taħriġ fl-istatistika.

Mat-tnax-il pajjiżi sieħba tal-Mediterran, it-tisħiħ istituzzjonali u inter-istituzzjonali tas-sistemi ta' l-istatistika nazzjonali jikkostitwixxi l-għan ċentrali. L-armonizzazzjoni ta' l-istatistika, il-produzzjoni u t-titjib fl-aċċess ta' *data* għall-utenti ikunu appoġġati sabiex jipprovdu bażi solida għal deċiżjonijiet politiċi u għal gvern tajjeb. Minbarra l-istatistiċi soċjo-ekonomiċi, oqsma ta' prijorità jinkludu l-emigrazzjoni, t-turiżmu u l-ambjent.

Il-koperazzjoni fl-istatistika bejn il-pajjiżi ta' l-UE u l-NIS timmira lejn l-appoġġ u l-monitoraġġ tal-koperazzjoni ekonomika u l-proċess ta' riforma kif ukoll tippromwovi l-ekonomija tas-suq. Id-domandi kruċjali jikkonċernaw l-istatistiċi ta' l-ekonomija u tal-kummerċ barrani.

L-Eurostat tkompli ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-kordinazzjoni bejn id-donaturi tal-Komunità (i.e. donaturi bilaterali u multilaterali). Skond ir-riżultat, l-Eurostat tappoġġja x-xogħol, b'mod partikolari fil-kuntesti tal-OECD/DAC, UN u l-Bank Dinji, biex tagħmel stima ta' l-impatt fuq il-koperazzjoni fl-iżvilupp biex tilħaq "il-miri ta' l-iżvilupp tal-millenju" adottati fis-Summit tal-Millenju ta' l-UN tas-sena 2000. Tista' tgħid li tkun qed taħdem parti attiva fl-inizzjattiva tal-PARIS 21 u fil-pajjiżi Balkani. B'mod partikolari, attivitajiet ta' koperazzjoni teknika jisħqu fuq l-importanza ta' fokus ta' l-utent, u jippromwovu l-valur ta' l-ipprogrammar multiannwali.

Xogħol innovattiv għandu jittieħed bil-ħsieb li jiġu żviluppati approċċi u metodi għall-kejl u l-monitoraġġ tad-drittijiet umani u ta' gvern tajjeb.

*Ġabra fil-qosor*

Matul il-perjodu ta' ħames snin ix-xogħol jikkonċentra fuq li:

— jipprovdi l-assistenza teknika ta' l-istatistika sabiex tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-istatistika fil-pajjiżi li jibbenefikaw mill-għajnuna ta' l-UE,

— iżid il-fokus fuq it-tisħiħ tal-kejl u l-monitoraġġ tal-povertà,

— jiżviluppa l-approċċi u l-metodi għall-kejl u l-monitoraġġ tad-drittijiet umani u gvern tajjeb.

*Il-ħtiġiet tal-politika u l-produzzjoni ta' l-Eurostat*

| *It-Titolu tat-Trattat* | *Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat* |
|---|---|
| IT-TITOLU XX<br>KOPERAZZJONI FL-IŻVILUPP | |
| Temi prinċipali ta' xogħol meħtieġa għal din iż-żona politika | 21 Koperazzjoni fl-istatistika ma' pajjiżi terzi oħra |

*ANNESS II*

**Programm ta' l-istatistika ta' ħames snin mis-sena 2003 sa l-2007: Temi ta' xogħol ta' l-Eurostat**

| Il-Kapitolu (Attività sekondarja) | Tema (azzjoni) |
|---|---|
| I. Appoġġ għall-produzzjoni ta' l-istatistika, infrastruttura teknika | 10 Amministrazzjoni tà kwalità u ta' evalwazzjoni |
| | 11 Klassifikazzjoni |
| | 12 Taħriġ fl-istatistika |
| | 13 Infrastrutturi u servizzi ta' l-IT għall-Eurostat |
| | 14 Normalizzazzjoni ta' l-IT u infrastrutturi kollaborattivi għall-ESS |
| | 15 *Data* ta' referenza u mħażen ta' *meta-data* |
| | 16 Informazzjoni |
| | 17 Tixrid |
| | 18 Kordinazzjoni ta' l-istatistika |
| | 19 Koperazzjoni fl-istatistika mal-pajjiżi kandidati |
| | 21 Koperazzjoni fl-istatistika ma' pajjiżi terzi oħra |
| | 22 Riċerka u metodoloġija fl-istatistika |
| | 25 Sigurtà tad-*data* u kunfidenzalità ta' l-istatistika |
| II. Statistiċi demografiċi u soċjali | 31 Il-popolazzjoni |
| | 32 Is-suq tax-xogħol |
| | 33 L-edukazzjoni |
| | 34 Il-kultura |
| | 35 Is-saħħa u s-sigurtà |
| | 36 Id-distribuzzjoni tad-dħul u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien |
| | 37 Il-protezzjoni soċjali |
| | 38 Xogħol ieħor fil-qasam ta' l-istatistiċi demografiċi u soċjali |
| | 39 IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR |
| III. | |
| III.A. Statistiċi makroekonomiċi | 40 Kontijiet ekonomiċi ta' kull sena |
| | 41 Kontijiet ta' kull kwart tas-sena |
| | 42 Kontijiet finanzjarji |
| | 43 Osservanza tar-riżorsi proprji |
| | 55 Prezzijiet |
| | 57 Statistiċi għall-analiżi taċ-ċiklu tal-kummerċ |
| III.B. Statistiċi tal-kummerċ | 44 Statistiċi fuq l-attività ekonomika ta' l-intrapriża |
| | 45 L-enerġija |
| | 48 It-trasport |
| | 49 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni |
| | 50 It-turiżmu |
| | 51 Ir-reġistri tal-kummerċ |
| III.C. Statistiċi monetarji, finanzjarji, tal-kummerċ u tal-bilanċ ta' pagamenti | 52 Il-flus u l-finanzi |
| | 53 Kummerċ fil-merkanzija |
| | 54 Kummerċ fis-servizzi u fil-bilanċ ta' pagamenti |
| IV. L-agrikoltura, l-istudju tal-foresti u s-sajd | 61 L-użu ta' l-art u l-pajsaġġ |
| | 62 L-istrutturi ta' l-agrikoltura |
| | 63 Statistiċi monetarji ta' l-agrikoltura |
| | 64 Il-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba |
| | 65 Il-produzzjoni ta' l-annimali |
| | 66 Statistiċi agro-industrijali |
| | 67 Il-kordinazzjoni u r-riforma ta' l-istatistiċi ta' l-agrikoltura |
| | 68 L-istatistiċi tal-foresti |
| | 69 L-istatistiċi tas-sajd |

| Il-Kapitolu (Attività sekondarja) | Tema (azzjoni) |
|---|---|
| V. Statistiċi ta' ħafna dominji | 70 L-iżvilupp sostenibbli<br>71 L-istatistiċi ta' l-ambjent<br>72 L-istatistiċi reġjonali<br>73 Ix-xjenza u t-teknoloġija<br>74 Informazzjoni ġeografika u lokali |
| VII. Riżorsi u amministrazzjoni | 91 Relazzjonijiet internazzjonali u interistituzzjonali<br>92 Programmi ta' amministrazzjoni u ta' l-istatistika<br>93 L-amministrazzjoni tar-riżorsi umani<br>94 L-amministrazzjoni tar-riżorsi finanzjarji<br>95 L-amministrazzjoni tal-bażijiet legali<br>96 Il-verifika<br>97 Amministrazzjoni ġenerali<br>99 Amministrazzjoni ddeċentralizzata |